Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 13 ta' Ottubru 2022**
**(OR. en)**

**13548/22**

**INST 372**
**POLGEN 134**
**COMPET 792**
**CODEC 1517**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 13 ta' Ottubru 2022 |
| lil: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 518 final |
| Suġġett: | KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI L-infurzar tad-dritt tal-UE għal Ewropa li tagħti riżultati |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 518 final.

Mehmuż: COM(2022) 518 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.10.2022
COM(2022) 518 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**L-infurzar tad-dritt tal-UE għal Ewropa li tagħti riżultati**

MT MT

# L-infurzar tad-dritt tal-UE għal Ewropa li tagħti riżultati

## I. INTRODUZZJONI

L-Unjoni Ewropea hija komunità tad-dritt, ibbażata fuq valuri komuni kondiviżi mill-Istati Membri. L-applikazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-UE u r-rispett għall-istat tad-dritt huma l-pedament proprju tagħha. Il-liġi hija l-aqwa assi tal-UE fit-twassil tal-benefiċċji tal-UE għan-nies, għan-negozji, u għall-ambjent tagħna. Il-prinċipju tal-primat tad-dritt tal-UE huwa bbażat fuq il-prinċipju tal-ugwaljanza qabel it-Trattati. Jiżgura drittijiet ugwali għal kulħadd madwar l-UE, li jfisser li d-dispożizzjonijiet kollha tad-dritt tal-UE għandu jkollhom l-istess tifsira u għandhom jiġu applikati bl-istess mod fl-Istati Membri kollha. Il-liġi hija l-bażi li fuqha l-UE tista' tagħmel l-aħjar użu mis-suq intern, tixpruna t-tranżizzjoni tagħna lejn Ewropa aktar ekoloġika u aktar diġitali, u tipproteġi u tippromwovi l-valuri tagħna, il-kooperazzjoni ġudizzjarja effettiva, u s-sigurtà tal-Unjoni tagħna. Din hija r-raġuni għaliex is-sistema bbażata fuq ir-regoli hija ċentrali għall-viżjoni tal-UE, fl-Ewropa u madwar id-dinja, prerekwiżit għall-ġustizzja, għad-demokrazija u għar-rispett għad-drittijiet fundamentali. Il-Kummissjoni hija impenjata li żżid il-ħidma tagħha sabiex tippromwovi u tirrispetta d-drittijiet tan-nies, il-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt. Flussi ta' ħidma ewlenin bħar-rapporti annwali dwar l-Istat tad-Dritt[1], il-pjan ta' azzjoni għad-demokrazija Ewropea[2] u l-istrateġija mġedda għall-implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE[3] ("il-Karta") jingħaqdu f'intensifikazzjoni kbira tal-ħidma sabiex jissaħħu l-pedamenti legali u demokratiċi tal-UE.

L-infurzar tad-dritt tal-UE huwa ċentrali għal dan l-għan. Dan huwa wieħed mill-missjonijiet ewlenin tal-Kummissjoni, bit-Trattati tal-UE, li l-Istati Membri ħadu impenn li jħaddnu, u li jagħtu lill-Kummissjoni r-rwol ta' "Gwardjan tat-Trattati"[4], u tad-dritt tal-UE b'mod aktar mifrux. Dan ir-rwol ġenerali jagħti lill-Kummissjoni r-responsabbiltà ċentrali għall-infurzar. Mod importanti kif taqdi dan ir-rwol huwa billi taħdem mal-Istati Membri, kif ukoll billi timmonitorja l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni minnhom tad-dritt tal-UE. Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi f'aktar dettall kif il-Kummissjoni tissodisfa dan il-kompitu hekk kif il-leġiżlazzjoni tal-UE tiġi żviluppata, trasposta fil-liġi nazzjonali, implimentata u applikata fil-prattika. Bl-istess mod kif il-Kummissjoni tiffoka fuq il-protezzjoni tal-istat tad-dritt billi tipprevjeni l-problemi milli jitfaċċaw, l-aħjar mod kif jiġi infurzat id-dritt tal-Unjoni huwa li qabel kollox jiġi evitat li jseħħ il-ksur. Il-kooperazzjoni ta' kuljum bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri hija essenzjali sabiex tiġi żgurata konformità bikrija. Iżda fl-aħħar mill-aħħar, il-proċeduri ta' ksur, inkluża l-possibbiltà li l-Istati Membri jiġu riferiti lill-

---

1 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt - Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea", COM(2022) 500 final.

2 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Dwar il-pjan ta' azzjoni Ewropew għad-Demokrazija", COM(2020) 790 final.

3 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Strateġija biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE", COM(2020) 711 final.

4 L-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti tal-Ġustizzja"), spiss ikunu meħtieġa sabiex jiġi indirizzat il-ksur tad-dritt tal-UE.

L-infurzar effettiv jiżgura li n-nies u n-negozji fl-UE jgawdu l-benefiċċji ta' regoli maqbulin b'mod komuni mill-aktar fis possibbli u jistgħu jiddependu fuq ir-rispett tad-drittijiet fundamentali tagħhom f'kull ħin kull fejn jgħixu jew jaħdmu fl-UE. Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri kmieni fil-proċess tal-integrazzjoni tar-regoli tal-UE fl-ordni ġuridiku tagħhom, sabiex jiġi żgurat li d-dritt tal-UE jiġi implimentat u applikat b'mod korrett sa mill-bidu nett. Dan jispjega wkoll għaliex iċ-ċifri tal-proċeduri ta' ksur waħedhom ma humiex neċessarjament kejl tajjeb tal-isforzi ta' infurzar tal-Kummissjoni, li jfittxu li jevitaw li l-ksur jimmaterjalizza u, jekk iseħħ, li jtemmuh malajr kemm jista' jkun.

Minbarra l-Kummissjoni u l-gvernijiet nazzjonali, atturi oħrajn għandhom ukoll rwol importanti fl-applikazzjoni effettiva tad-dritt tal-Unjoni. Xi wħud għandhom rwol formali, bħall-qrati nazzjonali, l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni u regolatorji jew l-awtoritajiet statutorji bħall-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-*data* tal-konsumatur jew indipendenti. Is-soċjetà ċivili u l-individwi jgħinu wkoll sabiex jiġbdu l-attenzjoni għal ksur possibbli u l-ħtieġa li dawn jiġu indirizzati.

Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi kif il-Kummissjoni żiedet u żviluppat il-ħidma tagħha dwar l-infurzar sabiex tiżgura li d-dritt tal-UE jiġi rrispettat b'mod ugwali fl-Istati Membri kollha u sabiex timmassimizza l-benefiċċji konkreti li l-ħidma ta' implimentazzjoni u ta' infurzar tagħha ġġib fil-ħajja ta' kuljum tan-nies fl-UE[5].

## II. SFRUTTAR TAL-BENEFIĊĊJI TAD-DRITT TAL-UE

In-nies u n-negozji jesiġu li r-regoli maqbulin b'mod komuni tal-UE jiġu implimentati jew trasposti malajr u b'mod korrett fid-dritt nazzjonali, u applikati bis-sħiħ mill-Istati Membri. L-infurzar tar-regoli tal-UE huwa essenzjali għat-twettiq tal-politiki tal-UE u huwa marbut b'mod inseparabbli mat-tfassil tal-politika. Il-leġiżlazzjoni tal-UE tgħaddi minn proċess skrupluż ta' evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE eżistenti, wara konsultazzjoni mal-pubbliku u valutazzjoni tal-impatti ambjentali, soċjali u ekonomiċi[6]. L-adozzjoni tagħha hija r-riżultat ta' proċess leġiżlattiv inkluživ u trasparenti li jinvolvi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sabiex il-politiċi u dawk li jfasslu l-politika jkunu esprimew il-fehma tagħhom dwar kif il-liġijiet li jkunu qegħdin jiġu diskussi jiġu implimentati fil-prattika. Jekk l-atti adottati għandhom jiksbu l-impatt maħsub, dawn jeħtieġ li jiġu applikati fl-Istati Membri kollha b'mod li jkun komplut, korrett, ugwali u f'waqtu.

---

[5] Din il-Komunikazzjoni tibni fuq Komunikazzjonijiet preċedenti li tiddefinixxu l-qafas operazzjonali u r-regoli għall-azzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ilmenti u l-ksur u ma tissostitwihomx. Ara b'mod partikolari l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Id-Dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar" (C(2016)8600), (minn hawn 'il quddiem "il-Komunikazzjoni tal-2016").

[6] F'konformità mal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, 3.11.2021 https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/planning-and-proposing-law/better-regulation-why-and-how/better-regulation-guidelines-and-toolbox_mt

### *In-Nies ikunu jistgħu jaħdmu u jagħmlu negozju fi kwalunkwe post fl-UE*

Ir-regoli tal-UE dwar **ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali** jagħmluha aktar faċli għall-professjonisti sabiex jipprovdu servizzi madwar l-UE, filwaqt li jiggarantixxu protezzjoni mtejba għall-konsumaturi. Madankollu, l-Istati Membri kienu implimentaw dawn ir-regoli b'mod inkonsistenti, bi proċeduri aktar impenjattivi għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom f'xi Stati Membri milli f'oħrajn. Bħala riżultat tal-proċeduri ta' ksur, l-Istati Membri emendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom, filwaqt li jiżguraw li ċ-ċittadini u n-negozji jibbenefikaw mill-vantaġġi ta' dawk ir-regoli. Barra minn hekk, wara l-kooperazzjoni fit-Taskforce dwar l-Infurzar tas-Suq Uniku, l-Istati Membri neħħew 217-il professjoni mil-lista ta' professjonijiet li għalihom kienet meħtieġa verifika minn qabel, sabiex b'hekk saret aktar faċli għall-ħaddiema li jipprovdu servizzi f'dawn l-Istati Membri.

Koordinazzjoni mtejba tas-**sistemi nazzjonali tas-sigurtà soċjali** tal-Istati Membri tgħin ukoll lin-nies jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom għall-moviment liberu. Sabiex tipproteġi l-moviment liberu tal-ħaddiema u l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, il-Kummissjoni nediet proċeduri kontra żewġ Stati Membri għall-għoti ta' ammonti aktar baxxi ta' benefiċċji tal-familja liċ-ċittadini tal-UE li jaħdmu hemmhekk, meta t-tfal tagħhom ikunu jgħixu fi Stat Membru fejn l-għoli tal-ħajja jitqies li jkun aktar baxx. F'wieħed minn dawk il-każijiet, il-pożizzjoni tal-Kummissjoni diġà ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja, li ddeċidiet li l-aġġustament tal-benefiċċji tal-familja skont l-istat ta' residenza tat-tfal benefiċjarji huwa illegali.

Il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni **SOLVIT** għas-soluzzjoni ta' problemi transfruntiera jippermetti li ksur possibbli tad-dritt tal-UE jiġi identifikat minn qabel u jista' jipprovdi rimedju immedjat għan-negozji jew għall-individwi affettwati. Jindirizza problemi u ostakli prattiċi li n-nies jiltaqgħu magħhom meta jaħdmu, jgħixu jew jagħmlu negozju fi Stati Membri oħrajn[7]. L-awtoritajiet nazzjonali li jifformaw in-network SOLVIT jaħdmu flimkien fl-applikazzjoni tar-regoli tal-UE u jagħmlu użu estensiv mill-għajnuna u mill-għarfien espert ipprovdut mill-Kummissjoni[8]. Iċ-ċentri nazzjonali tas-SOLVIT mhux biss isibu soluzzjonijiet għal diversi sitwazzjonijiet individwali, iżda jgħinu wkoll sabiex jidentifikaw u jindirizzaw problemi strutturali relatati mal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE[9].

In-nuqqas ta' konformità għandu kost. Jista' jfisser li l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tiġi ttardjata jew tiġi ristretta fl-ambitu, u dan jimmina drittijiet bħat-trattament ugwali u l-moviment liberu. Jista' jipperpetwa l-piżijiet fuq il-pubbliku u fuq in-negozji. Jista' jfisser li l-ħsara ambjentali tkun dejjiema. Jista' jfisser li l-protezzjoni tal-konsumatur jew tal-ħaddiema, jew il-protezzjoni tal-applikanti għal ażil, tiddgħajjef jew tiddewwem. Hemm impatt partikolari fuq il-persuni li jaħdmu jew li jivvjaġġaw bejn il-fruntieri, jew li jaqsmu l-fruntieri

7 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Settembru 2013 fuq il-prinċipji li jirregolaw is-SOLVIT, C(2013) 5869 final.

8 Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, "Daqqa t'Id tas-SOLVIT fis-Suq Uniku: niċċelebraw 20 sena", SWD(2022) 325 final.

9 https://ec.europa.eu/solvit/index_mt.htm

għal skopijiet oħrajn[10], li jridu jadattaw għal regoli differenti skont kif jiġi applikat id-dritt tal-UE. L-applikazzjoni ħażina tar-regoli tal-UE tfixkel ukoll il-kompetizzjoni fis-suq uniku, u ddgħajjef il-kundizzjonijiet ekwi għan-negozji madwar l-UE.

Meta l-Istati Membri jiksru r-regoli tal-UE billi jintroduċu jew jittolleraw ostakli fis-suq uniku sabiex joħolqu vantaġġi għan-negozji, il-gwadanji potenzjali spiss ikunu għal terminu qasir, filwaqt li l-impatt dejjiemi fuq in-negozji jista' jkun ħafna aktar dannuż, u dan jagħmilha ferm aktar diffiċli għan-negozji kollha sabiex jisfruttaw l-opportunitajiet ipprovduti mis-suq uniku[11].

### *Kostijiet tal-applikazzjoni tar-regoli b'mod żbaljat jew inkomplet*

L-ostakli eżistenti fis-**suq uniku** f'ħafna każijiet ikunu dovuti għall-applikazzjoni żbaljata jew mhux kompluta tat-Trattati u tal-leġiżlazzjoni tal-UE[12]. L-SMEs u n-negozji l-ġodda huma partikolarment affettwati peress li jkunu l-ewwel li jġarrbu impatt minħabba l-piżijiet u l-kumplessità amministrattivi, speċjalment meta jaqsmu l-fruntieri sabiex iwettqu n-negozju fis-suq uniku. L-applikazzjoni ħażina tar-regoli xxekkel ukoll l-ekonomiji ta' skala offruti mis-suq uniku, li huwa ta' detriment għall-interessi tal-konsumaturi. Regoli inkonsistenti jagħmlu ħsara b'mod partikolari lir-reġjuni transfruntiera[13].

L-infurzar b'saħħtu tar-**regoli tal-kompetizzjoni** huwa essenzjali għan-negozji u għall-konsumaturi sabiex jiksbu l-benefiċċji tas-suq uniku. In-nuqqas ta' applikazzjoni xierqa ta' dawk ir-regoli jdgħajjef il-kundizzjonijiet ekwi għan-negozji, u konsegwentement il-konsumaturi jistgħu jiffaċċjaw prezzijiet ogħla u anqas għażla.

L-implimentazzjoni tal-**politika u tal-liġi ambjentali** tal-UE ma hijiex biss essenzjali għal ambjent f'saħħtu, iżda tiftaħ ukoll opportunitajiet ġodda għat-tkabbir ekonomiku, għall-impjiegi u għall-kompetittività. L-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE tista' wkoll tiffranka lill-ekonomija tal-UE madwar EUR 55 biljun kull sena f'kostijiet għas-saħħa u f'kostijiet diretti għall-ambjent[14].

### *Benefiċċji minn implimentazzjoni rapida tar-regoli l-ġodda tal-UE dwar it-taxxa*

**Ir-regoli l-ġodda dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) għall-kummerċ elettroniku** daħlu fis-seħħ fl-2021 bħala parti mill-ħidma sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u jiġu ssimplifikati r-regoli tal-VAT. Issa l-bejjiegħa online jistgħu jirreġistraw fuq portal

[10] Pereżempju, għall-edukazzjoni, għall-kura tas-saħħa, għall-attivitajiet kulturali u għal attivitajiet oħrajn ta' divertiment, eċċ.
[11] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Pjan ta' azzjoni fit-tul għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku", COM(2020) 94 final.
[12] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ostakli għas-Suq Uniku", COM(2020) 93 final.
[13] Ir-Rapport tal-Kummissjoni "Reġjuni mal-Fruntieri tal-UE: Laboratorji ħajjin tal-integrazzjoni Ewropea", COM(2021) 393 final, u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Spinta lit-tkabbir u l-koeżjoni fir-reġjuni tal-fruntieri tal-UE", COM(2017) 534 final.
[14] Aktar spjegazzjoni dwar din iċ-ċifra tista' tinstab fl-istudju "Update of the costs of not implementing EU environmental law", COWI u Eunomia, 2019.

elettroniku ("punt uniku ta' servizz") u jieħdu ħsieb l-obbligi kollha tal-VAT tagħhom għall-bejgħ madwar l-UE kollha. Il-Kummissjoni pprovdiet appoġġ u gwida dwar ir-regoli l-ġodda kemm lill-Istati Membri kif ukoll lill-partijiet ikkonċernati affettwati. Dawn għenu fl-implimentazzjoni bla xkiel tar-regoli l-ġodda tal-VAT dwar il-kummerċ elettroniku u fil-ġbir ta' EUR 8,8 biljun fi dħul mill-VAT permezz tal-portal il-ġdid, inklużi EUR 700 miljun fi dħul ġdid mill-VAT[15], u r-reġistrazzjoni ta' 100 000 bejjiegħ online permezz tal-pjattaforma elettronika.

L-applikazzjoni sħiħa u konsistenti tar-regoli tal-UE mill-Istati Membri hija importanti għaċ-ċertezza legali u għall-fiduċja li n-nies u n-negozji għandhom fl-istituzzjonijiet nazzjonali u fl-UE b'mod ġenerali. Dan huwa partikolarment minnu fir-rigward tal-valuri kondiviżi tagħna, tad-drittijiet fundamentali, tal-istat tad-dritt, tal-erba' libertajiet fundamentali tal-UE, u tal-funzjonament tas-suq uniku. Fl-isforz għal Unjoni ta' ugwaljanza, huwa kruċjali li l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni jiġu rrispettati madwar l-UE u li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-istess livell ta' protezzjoni tad-drittijiet tagħhom kull fejn jgħixu fl-UE.

### *Protezzjoni taċ-ċittadinanza tal-UE*

L-iskemi taċ-ċittadinanza b'investiment ("passaport tad-deheb") f'ċerti Stati Membri kkawżaw tħassib kbir f'dawn l-aħħar snin. L-għoti sistematiku tan-nazzjonalità, u b'hekk taċ-ċittadinanza tal-UE, bi skambju għal pagament iddeterminat minn qabel u mingħajr rabta ġenwina ma' Stat Membru jmur kontra l-kunċett ta' ċittadinanza tal-UE kif ukoll kontra l-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera. Joħloq ukoll riskji serji fir-rigward tas-sigurà, tal-ħasil tal-flus, tal-evażjoni tat-taxxa u tal-korruzzjoni. Sabiex tibqa' soda dwar il-pożizzjoni li ċ-ċittadinanza tal-UE ma hijiex għall-bejgħ u li kwalunkwe skema eżistenti taċ-ċittadinanza b'investiment għandha titħassar mingħajr dewmien, il-Kummissjoni fetħet proċeduri ta' ksur rivoluzzjonarji kontra żewġ Stati Membri, u fl-aħħar mill-aħħar irreferiet wieħed minnhom quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kienet f'kuntatt ma' Stat Membru ieħor, li sadanittant abolixxa l-iskemi taċ-ċittadinanza b'investiment tiegħu.

### *Promozzjoni tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni*

Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem u l-ugwaljanza huma valuri fundamentali fl-UE, u stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dawn il-valuri ma humiex biss standards etiċi, iżda drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta[16] u prinċipji ġenerali tad-dritt tal-UE. Il-Kummissjoni ħadet passi sabiex tipproteġi d-drittijiet tal-persuni LGBTIQ, u fl-aħħar mill-aħħar irreferiet Stat Membru wieħed lill-Qorti tal-Ġustizzja minħabba l-leġiżlazzjoni nazzjonali li tiddiskrimina kontra persuni fuq il-bażi tal-orjentazzjoni sesswali

[15] Data valida għall-ewwel sitt xhur tal-operat (New EU VAT rules for e-commerce: Updated revenue figures point to a successful implementation (europa.eu)).

[16] Id-dritt għan-nondiskriminazzjoni huwa stabbilit fil-Karta, li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni abbażi ta' kwalunkwe raġuni.

jew tal-identità tal-ġeneru tagħhom.

Dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u b'mod aktar speċifiku fir-rigward tas-sigurtà soċjali, il-Kummissjoni ħadet passi kontra Stat Membru minħabba l-liġi tiegħu dwar il-pensjonijiet, li b'mod indirett tiddiskrimina kontra n-nisa fil-kalkolu tal-perjodu ta' kontribuzzjoni meħtieġ sabiex ikunu intitolati għal pensjoni.

### *Difiża tal-libertà tal-media*

Il-garanzija tal-libertà tal-media u tal-libertà tal-kelma hija l-pedament ta' soċjetà diġitali miftuħa, demokratika u sostenibbli. Il-fornituri ta' servizzi tal-media jridu jkunu jistgħu jaċċessaw is-suq taħt kundizzjonijiet mhux diskriminatorji, proporzjonati u oġġettivament ġustifikati, sabiex ikunu jistgħu jaħdmu liberament u b'mod indipendenti kullimkien fl-Unjoni Ewropea.Il-Kummissjoni rreferiet lil Stat Membru quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għall-ksur tar-regoli tas-suq intern dwar it-telekomunikazzjoni u għall-ksur tal-libertà tal-kelma kif stabbiliti fil-Karta.

### *Appoġġ għall-migrazzjoni legali u għat-trattament ugwali għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi*

Fl-istess ħin, l-attrazzjoni ta' talent minn pajjiżi terzi hija ta' benefiċċju għas-soċjetà tagħna u hija ta' benefiċċju għall-ekonomiji tagħna. Ir-regoli tal-UE jipprevedu kundizzjonijiet komuni għad-dħul u għar-residenza għal ċerti kategoriji ta' ċittadini minn pajjiżi terzi, u għal trattament ugwali maċ-ċittadini tal-UE f'diversi oqsma. Il-Kummissjoni ħadet passi kontra diversi Stati Membri għall-introduzzjoni ta' ostakli mhux ġustifikati għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jaċċessaw l-impjiegi u jwettqu attivitajiet bħala persuni li jaħdmu għal rashom. Il-Kummissjoni nediet ukoll proċeduri ta' ksur għal piżijiet eċċessivi fil-proċessar tal-permessi tal-UE[17]. B'riżultat ta' dan, diversi Stati Membri emendaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom sabiex din tikkonforma mad-dritt tal-UE, u b'hekk sar aktar faċli u aktar attraenti għal ċittadini ta' pajjiżi terzi tas-sengħa sabiex jirrisjedu u jaħdmu fl-Ewropa.

### *Ġlieda kontra d-diskors u r-reati ta' mibegħda razzisti u ksenofobiċi*

Id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda mhux biss jagħmlu ħsara lill-individwi affettwati u lis-soċjetà inġenerali, iżda wkoll jiksru l-qalba tal-valuri tal-UE. Is-soluzzjoni sabiex jinkiseb infurzar effettiv hija li tissaħħaħ l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-2008 dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda[18]. Il-Kummissjoni hija determinata li tiżgura kriminalizzazzjoni effettiva tad-diskors ta' mibegħda u tar-reati ta' mibegħda u din l-istrateġija rriżultat fi progress sinifikanti fl-implimentazzjoni madwar l-Istati Membri. F'dan ir-rigward, l-intenzjoni tagħha li tkompli bil-proċeduri ta' ksur, fejn

---

[17] https://home-affairs.ec.europa.eu/policies/migration-and-asylum/legal-migration-and-integration/work/single-permit-work_mt

[18] Id-Deċiżjoni Qafas 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali.

neċessarju, ġiet ikkonfermata mill-ġdid fil-pjan ta' azzjoni tagħha tal-UE kontra r-razziżmu[19]. Wara serje ta' każijiet ta' ksur mibdijin bejn l-2020 u l-2021, diversi Stati Membri bdew proċeduri sabiex jemendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom, jew diġà adottaw bidliet leġiżlattivi ġodda. Pereżempju, l-emendi adottati fi Stat Membru wieħed isaħħu l-kriminalizzazzjoni u l-prosekuzzjoni tad-diskors ta' mibegħda u tar-reati ta' mibegħda u jtejbu l-protezzjoni għall-minoranzi minn dawk ir-reati.

### *Għaqid tal-forzi kontra t-terroriżmu*

L-atti ta' terroriżmu jikkostitwixxu wieħed mill-aktar tipi serji ta' ksur tal-libertajiet fundamentali li fuqhom hija bbażata l-Unjoni. L-attakki terroristiċi fi Stati Membri tal-UE kienu tfakkira ħarxa li l-pulizija u l-prosekuturi jeħtieġu għodod aħjar sabiex jipprevjenu u jiġġieldu r-reati terroristiċi. Id-Direttiva tal-2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu[20] hija l-pedament tar-rispons tal-ġustizzja kriminali tal-Istati Membri għat-terroriżmu u parti importanti mill-qafas tal-Unjoni tas-Sigurtà tal-UE. Il-Kummissjoni bdiet proċedimenti kontra diversi Stati Membri sabiex tiżgura li jkun hemm fis-seħħ il-kundizzjonijiet legali sabiex l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni dwar it-theddid terroristiku.

## III. IMPLIMENTAZZJONI U APPLIKAZZJONI TAD-DRITT TAL-UE: SFORZ MAGĦQUD

Il-Kummissjoni tissorvelja r-rispett tad-dritt tal-UE mill-Istati Membri u tagħmel użu minn varjetà ta' għodod sabiex tippromwovi u tinforza l-applikazzjoni korretta tiegħu, inklużi proċedimenti ta' ksur. Madankollu, l-applikazzjoni u l-infurzar effettivi fuq il-post jeħtieġu li diversi atturi oħrajn jagħtu s-sehem tagħhom ukoll. L-infurzar huwa dwar il-kooperazzjoni u l-ħidma id f'id mal-Istati Membri fl-ewwel istanza, kif ukoll ma' awtoritajiet speċjalizzati bħall-awtoritajiet tal-protezzjoni tal-konsumatur jew tad-*data*, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u regolatorji, l-NGOs, in-negozji u l-pubbliku. Sabiex is-sistema tiffunzjona b'mod effettiv, hija tibbaża kemm fuq l-impenn sħiħ tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-applikazzjoni u għall-infurzar xierqa tal-liġi, kif ukoll fuq l-involviment tal-pubbliku, tas-soċjetà ċivili, tan-negozju u ta' oħrajn sabiex jidentifikaw ksur potenzjali.

Il-**qrati nazzjonali** huma qrati tal-UE meta japplikaw id-dritt tal-UE u għandhom rwol partikolarment importanti fil-katina tal-infurzar. Meta d-drittijiet taċ-ċittadini jew tan-negozji tal-UE jiġu affettwati fl-Istati Membri, jeħtiġilhom jingħataw aċċess għal rimedju nazzjonali rapidu u effettiv, f'konformità mal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva[21]. Din hija r-raġuni għaliex iridu jkunu indipendenti, imparzjali u stabbiliti bil-liġi.

[19] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Unjoni ta' ugwaljanza: Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025", COM(2020) 565 final.
[20] Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu.
[21] L-Artikolu 19(1), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Fl-istess ħin, il-qrati fl-Istati Membri għandhom id-dritt, u f'ċerti każijiet anke d-dmir, li jagħmlu mistoqsijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk ma jkunux ċerti dwar kif għandhom jinterpretaw jew japplikaw id-dritt tal-UE. Dan id-djalogu permezz ta' rinviju preliminari għall-Qorti tal-Ġustizzja huwa essenzjali għall-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-UE, fuq il-bażi tal-prinċipju tal-primat tad-dritt tal-UE u għaż-żamma tad-drittijiet taċ-ċittadini[22]. Il-Kummissjoni tagħmel użu sistematiku mid-dritt tagħha li tippreżenta osservazzjonijiet fil-proċedimenti kollha dwar kwistjonijiet preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja[23]. Jekk il-Qorti ssib ksur tad-dritt tal-UE, il-qorti tar-rinviju għandha l-obbligu li tirrimedja dak il-ksur fil-kawża konkreta quddiemha.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni mhux biss timmonitorja l-konformità tal-Istat Membru individwali mas-sentenza, iżda tiżgura wkoll li l-Istati Membri l-oħrajn kollha japplikaw bl-istess mod l-istandard stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja. Għalhekk, iż-żieda fin-numru ta' deċiżjonijiet preliminari maż-żmien[24], u l-interventi tal-Kummissjoni f'dawn il-każijiet, taw kontribut importanti għall-infurzar aktar b'saħħtu tal-liġi tal-UE fl-Istati Membri. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfittex każijiet ta' ksur għal ksur li jaffettwa l-prinċipji tal-awtonomija, tal-primat, tal-effettività u tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll ir-rispett tal-awtorità tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-Kummissjoni timplimenta l-istrateġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju[25] biex tiżgura li **l-professjonisti tal-ġustizzja** bħall-imħallfin, il-prosekuturi, l-avukati u professjonijiet oħrajn involuti fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja jkunu jafu d-dritt tal-UE u l-istrumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja tal-UE, u għandhom il-ħiliet xierqa sabiex jirrispettaw l-istat tad-dritt u japplikaw b'mod korrett u koerenti d-dritt tal-UE f'pajjiżhom.

### *Avvanz tal-implimentazzjoni tar-regoli tat-tassazzjoni tal-UE permezz ta' intervent f'deċiżjonijiet preliminari*

Fil-qasam tat-tassazzjoni, id-deċiżjonijiet preliminari huma triq essenzjali għall-Kummissjoni sabiex tiżgura li d-dritt tal-UE jiġi applikat b'mod korrett.

Għat-**tassazzjoni diretta**, id-deċiżjonijiet preliminari jittrattaw ostakli transfruntiera konkreti għal-libertà tal-moviment, ikkawżati mis-sistemi tat-taxxa nazzjonali. Pereżempju, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet f'deċiżjoni preliminari li ċ-ċittadini li jagħtu l-flus lil karità

---

[22] Każijiet ta' regoli jew ta' prattiki nazzjonali li jimpedixxu l-proċedura għal deċiżjonijiet preliminari, pereżempju, minħabba li l-imħallfin jistgħu jġarrbu responsabbiltà dixxiplinari għall-preżentazzjoni ta' rinviju preliminari jew għall-applikazzjoni tad-dritt tal-UE kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, jew meta l-qrati nazzjonali ma jitħallewx jirrikonoxxu l-primat tad-dritt tal-UE, ikollhom impatt sistemiku fuq l-infurzar tad-dritt tal-UE.

[23] Fi kwistjonijiet ta' kompetizzjoni u ta' għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni regolarment tipprovdi assistenza u tintervjeni fi proċedimenti tal-qrati nazzjonali.

[24] In-numru ta' deċiżjonijiet preliminari wera żieda qawwija matul l-aħħar 10 snin, b'567 rinviju għal deċiżjonijiet preliminari fl-2021, meta mqabblin ma' 385 fl-2010.

[25] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Niżguraw il-ġustizzja fl-UE — strateġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju għall-2021-2024", COM(2020) 713 final.

fi Stat Membru ieħor għandhom igawdu l-istess eżenzjoni mit-taxxa bħal meta jagħtu l-flus lil karità komparabbli fl-Istat Membru tagħhom stess[26].

**Fit-tassazzjoni indiretta**, id-deċiżjonijiet preliminari segwiti minn djalogu bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri wasslu lill-Istati Membri sabiex jemendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom. Dan kien il-każ għal Stat Membru wieħed dwar l-użu ta' vetturi bi pjanċi ta' reġistrazzjoni barranin[27], u għal Stat Membru ieħor fir-rigward ta' kundizzjonijiet restrittivi dwar ir-regoli tal-VAT[28].

**Il-parlamenti nazzjonali** għandhom ukoll rwol importanti x'jaqdu, jiġifieri jaħdmu flimkien mal-gvernijiet nazzjonali sabiex jadottaw liġijiet bil-għan li jittrasponu d-direttivi tal-UE u jimplimentaw ċerti regolamenti permezz tal-liġi nazzjonali. Il-Kummissjoni adottat linja stretta dwar in-nuqqas ta' traspożizzjoni tad-direttivi, bl-użu tal-potenzjal sħiħ tal-istrument tal-Artikolu 260(3) tat-TFUE introdott bit-Trattat ta' Lizbona: il-Kummissjoni tiftaħ il-każijiet awtomatikament u titlob sistematikament lill-Qorti timponi sanzjonijiet finanzjarji meta l-Istati Membri jonqsu milli jittrasponu d-direttivi fil-ħin. Dan l-approċċ kellu impatt sinifikanti u l-każijiet ta' nuqqas ta' komunikazzjoni li l-Kummissjoni kellha tirreferi lill-Qorti tal-Ġustizzja naqsu b'aktar minn nofs mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lizbona. Madankollu, in-numru ta' każijiet ta' ksur imnedijin minħabba li l-Istati Membri ma jikkomunikawx il-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom lill-Kummissjoni sal-iskadenza stabbilita fid-direttivi tal-UE għadu għoli. Il-leġiżlaturi nazzjonali għandhom rwol importanti biex jiżguraw li t-traspożizzjoni tkun kemm f'waqtha kif ukoll kompluta: meta jinnotifikaw il-miżuri ta' traspożizzjoni lill-Kummissjoni, l-Istati Membri jeħtieġ li jispjegaw b'mod ċar u trasparenti kif ġiet trasposta kull dispożizzjoni ta' direttiva[29].

**Korpi ewlenin oħrajn** bi rwol importanti fl-infurzar tad-dritt tal-UE jinkludu korpi regolatorji, ta' spezzjoni u ta' infurzar settorjali, awtoritajiet superviżorji nazzjonali u reġjonali, prosekuturi, ombudspersons nazzjonali u korpi tal-ugwaljanza. Il-Kummissjoni tiffoka l-azzjoni ta' infurzar tagħha fuq l-iżgurar li l-awtoritajiet nazzjonali jkunu mgħammrin u kapaċi jwettqu dmirijiethom b'mod suffiċjenti billi tħares lejn il-kunflitti ta' interess, l-indipendenza[30] u l-persunal tat-tali awtoritajiet. Il-Kummissjoni tappoġġa wkoll b'mod attiv l-isforzi ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri b'appoġġ tekniku u finanzjarju u b'għarfien espert li jsostni r-riformi strutturali[31], kif ukoll programmi ta' taħriġ speċjalizzati[32].

[26] .Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-318/07, Persche.

[27] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-274/20, GN u WX vs Prefettura di Massa Carrara – Ufficio Territoriale del Governo di Massa Carrara.

[28] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-335/19, E. Sp. z o.o. Sp. k. vs Minister Finansów.

[29] Fis-Sentenza tagħha fil-Kawża C-543/17, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li l-Istati Membri għandhom obbligu li jipprovdu lill-Kummissjoni informazzjoni ċara u preċiża biżżejjed dwar liema dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali jittrasponu d-Direttiva.

[30] Dan huwa l-każ pereżempju tal-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fis-settur tal-enerġija, li huwa prinċipju ewlieni tat-tielet pakkett tal-enerġija, u huwa wkoll kruċjali sabiex tiġi żgurata protezzjoni effettiva tal-konsumatur, kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja (il-Kawża C-718/18 Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja).

[31] Pereżempju, permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku u l-għodda bejn il-pari TAIEX-EIR.

Pereżempju, il-Kummissjoni pprovdiet għotjiet lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għall-protezzjoni tad-*data* sabiex jgħinu fil-ħidma tagħhom ta' infurzar tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*[33]. Il-Kummissjoni fetħet ukoll proċeduri ta' ksur kontra Stati Membri sabiex tiżgura li dawn l-awtoritajiet ikunu indipendenti, u mgħammrin bis-setgħat neċessarji sabiex jissanzjonaw ksur ta' dak ir-regolament.

Inizjattivi speċifiċi tal-UE għenu wkoll, b'mekkaniżmi ta' rimedju transfruntier bħal SOLVIT, il-proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar, jew is-Soluzzjoni Ewropea Online għat-Tilwim. Fis-settur finanzjarju, it-tliet awtoritajiet superviżorji Ewropej[34] għandhom is-setgħa li jwettqu rieżamijiet tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti sabiex jivvalutaw il-konverġenza tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Huma kompetenti wkoll sabiex jinvestigaw u jieħdu azzjoni f'każ li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont id-dritt tal-UE. Dan jikkontribwixxi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti u effettiva tad-dritt tal-UE fis-settur finanzjarju.

### *Ir-rwol taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumatur[35] fl-infurzar tal-liġi tal-konsumatur*

**Iċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi** huma kruċjali sabiex jidentifikaw u jieħdu azzjoni kontra ksur mifrux potenzjali tal-liġi tal-konsumatur. Dan inkluda azzjoni sabiex jiġi żgurat li s-sistemi ta' prenotazzjoni tal-akkomodazzjonijiet online jkunu ħielsa minn tekniki manipulattivi bħall-ħabi ta' sponsorizzazzjoni fil-klassifikazzjoni, pressjoni żejda bil-ħin fuq l-utenti, jew inkella r-rappreżentazzjoni ħażina tar-ribassi.

Fl-2020, wara **djalogu mal-Kummissjoni u mal-awtoritajiet nazzjonali**, il-pjattaformi ewlenin tal-prenotazzjoni għamlu bidliet fil-mod kif jippreżentaw l-offerti, l-iskontijiet u l-prezzijiet lill-konsumaturi sabiex l-utenti jkunu jistgħu jagħmlu paraguni informati f'konformità mar-rekwiżiti tal-liġi tal-UE dwar il-konsumatur. Dan kien jinkludi l-evitar tal-preżentazzjoni ta' offerta bħala limitata fiż-żmien jekk l-istess prezz jibqa' disponibbli wara, u l-kjarifika ta' kif ir-riżultati jiġu kklassifikati. Djalogu simili wassal sabiex fl-2022 suq online kbir jallinja l-prattiki ta' kanċellazzjoni tiegħu mar-regoli tal-UE dwar il-konsumatur. Dan se jagħmilha ħafna aktar faċli, milli kien qabel, għall-konsumaturi sabiex ineħħu l-abbonament minn servizzi primjum, billi jeħtieġ li jagħmlu biss żewġ klikks

32 Pereżempju, il-Kummissjoni żviluppat pakkett ta' taħriġ dwar il-liġi ambjentali tal-UE (https://ec.europa.eu/environment/legal/law/training_package.htm).

33 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).

34 L-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA).

35 In-Network Ewropew taċ-Ċentri tal-Konsumaturi (ECC NET) jgħaqqad l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur (https://ec.europa.eu/info/live-work-travel-eu/consumer-rights-and-complaints/resolve-your-consumer-complaint/european-consumer-centers-network-ecc-net_en). Il-kooperazzjoni f'dan il-qasam tkopri r-regoli tal-konsumatur f'diversi oqsma bħall-prattiki kummerċjali inġusti, il-kummerċ elettroniku, l-imblukkar ġeografiku, il-vaganzi kollox inkluż, il-bejgħ online, u d-drittijiet tal-passiġġieri.

b'"buttuna ta' kanċellazzjoni" prominenti u ċara.

### *Taħriġ tal-SMEs fil-liġi tal-konsumatur*

Il-proġett Consumer Law Ready[36] huwa programm ta' taħriġ madwar l-UE kollha fil-liġi tal-konsumatur għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Ħarrieġ ewlieni maħtur f'kull Stat Membru jipprovdi taħriġ lil intermedjarji li mbagħad iħarrġu lill-SMEs. Dan se jgħin biex jiġi mminimizzat il-ksur u biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar kif taħdem il-liġi tal-konsumatur tal-UE.

## IV. INFURZAR INTELLIĠENTI - IL-PREVENZJONI TA' KSUR TAD-DRITT TAL-UE QABEL KOLLOX

Sabiex jiġi antiċipat u evitat li jseħħ ksur, il-Kummissjoni diġà tqis il-kwistjonijiet ta' implimentazzjoni u ta' infurzar meta tkun għadha qiegħda tfassal il-proposti għal-leġiżlazzjoni tal-UE. L-istrateġiji ta' implimentazzjoni[37] mħejjin mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-amministrazzjonijiet nazzjonali jgħinu sabiex jiġu identifikati l-isfidi ewlenin li l-Istati Membri jiffaċċjaw fit-traspożizzjoni u fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, u jistabbilixxu l-għodod li l-Kummissjoni tuża sabiex tappoġġa l-konformità.

### *Għajnuna lill-Istati Membri sabiex iħejju għall-implimentazzjoni*

Ir-**Regolament dwar il-Valutazzjoni tat-Teknoloġija tas-Saħħa**[38] għandu l-għan li jtejjeb l-aċċess tal-pazjenti tal-UE għal teknoloġiji innovattivi fil-qasam tas-saħħa, bħal fir-rigward tal-mediċini u tal-apparati mediċi. Il-Kummissjoni ppubblikat pjan kontinwu[39] sabiex tappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali, lill-iżviluppaturi tat-teknoloġija tas-saħħa u lill-partijiet ikkonċernati fl-implimentazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni ladarba tibda tapplika fl-2025.

Sabiex jiġu evitati interpretazzjonijiet diverġenti tad-dritt tal-UE li għadu kif ġie adottat u sabiex jitrawwem fehim komuni tar-regoli eżistenti, il-Kummissjoni tipprovdi gwida prattika[40] lill-Istati Membri, lin-negozji, lill-partijiet ikkonċernati, u lill-pubbliku dwar kif għandhom jifhmu u japplikaw aspetti speċifiċi tad-dritt tal-UE.

Din il-gwida tista', pereżempju, tieħu l-forma ta' linji gwida dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE jew "Mistoqsijiet Frekwenti" ippubblikati online. Inħarġu fl-oqsma ta' politika ewlenin kollha. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tuża linji gwida sabiex takkumpanja lill-Istati Membri fil-proċess ta' traspożizzjoni għad-direttivi u għall-

---

36 http://www.consumerlawready.eu/

37 Il-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, 3.11.2021 https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/planning-and-proposing-law/better-regulation-why-and-how/better-regulation-guidelines-and-toolbox_mt

38 Ir-Regolament (UE) 2021/2282 tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa.

39 https://health.ec.europa.eu/system/files/2022-05/hta_htar_rolling-plan_en.pdf

40 L-interpretazzjoni finali u awtorevoli tad-dritt tal-UE tista' tiġi pprovduta biss mill-Qorti tal-Ġustizzja.

applikazzjoni tar-regolamenti, li normalment jibdew eżatt wara l-adozzjoni ta' att, kif ukoll sabiex tikkonsolida l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[41].

### *Gwida tal-Kummissjoni sabiex tgħin fl-applikazzjoni prattika tal-leġiżlazzjoni*

Il-gwida tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 17 tad-**Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Awtur**[42] tappoġġa l-applikazzjoni konsistenti ta' regoli ġodda dwar pjattaformi ta' kondiviżjoni tal-kontenut madwar l-Istati Membri. Il-gwida hija dokument prattiku sabiex tiġi ċċarata s-sitwazzjoni għall-utenti u għad-detenturi tad-drittijiet dwar x'jista' jittella' u x'ma jistax jittella' mingħajr il-kunsens tad-detentur tad-drittijiet tal-awtur, u meta l-pjattaformi jistgħu jintalbu jneħħu jew jirrieżaminaw il-kontenut li jittella' mill-utenti.

Wara l-adozzjoni tal-**Pakkett dwar il-Mobilità**[43], il-Kummissjoni ħarġet dokumenti ta' gwida fil-forma ta' "Mistoqsijiet u Tweġibiet" u Noti ta' gwida dwar l-interpretazzjoni ta' diversi settijiet ta' regoli ġodda relatati b'mod partikolari mal-ħinijiet tas-sewqan[44], mal-istazzjonar tas-sewwieqa[45], mat-takografi intelliġenti[46], u mal-obbligu tar-ritorn tal-vetturi fiċ-ċentru operazzjonali[47], sabiex tassisti lill-partijiet ikkonċernati fl-applikazzjoni korretta ta' dawn ir-regoli u lill-Istati Membri jittrasponuhom u jinforzawhom b'mod konsistenti.

Il-Kummissjoni tuża wkoll firxa wiesgħa ta' għodod oħrajn ***ibbażati fuq il-laqgħat***, bħal kumitati, networks, gruppi ta' esperti u workshops, sabiex tippromwovi l-implimentazzjoni effettiva tad-dritt tal-UE fl-oqsma kollha tal-politika. Dawn il-gruppi jippermettu lill-Istati Membri jaqsmu prattiki tajbin u jiddiskutu problemi li jiltaqgħu magħhom fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE. Imbagħad, il-Kummissjoni tkun tista' tidentifika d-diffikultajiet fl-implimentazzjoni fi stadju bikri u taħdem fuq ir-rimedji possibbli, inkluż l-użu ta' għodod tal-IT sabiex tappoġġa implimentazzjoni aktar effiċjenti u effettiva. Forum importanti għat-titjib tal-applikazzjoni u tal-infurzar huwa t-Task Force għall-Infurzar fis-Suq Uniku, stabbilita wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar il-politika industrijali fl-2020[48]. Parti importanti mill-ħidma tagħha hija li tħares lejn l-ostakli għall-infurzar tar-regoli tas-suq uniku u li tfassal soluzzjonijiet prattiċi.

---

41 Pereżempju, il-Kummissjoni pproduċiet diversi linji gwida interpretattivi ġenerali dwar id-Direttivi dwar il-protezzjoni tan-natura, https://ec.europa.eu/environment/nature/natura2000/management/guidance_en.htm

42 Id-Direttiva (UE) 2019/790 tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali.

43 https://transport.ec.europa.eu/transport-modes/road/mobility-package-i_mt

44 Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq.

45 Id-Direttiva (UE) 2020/1057 tal-15 ta' Lulju 2020 li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq.

46 Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq.

47 Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq.

48 https://single-market-economy.ec.europa.eu/single-market/single-market-enforcement-taskforce_mt

### *Prevenzjoni tal-ostakli fis-suq uniku qabel ma jimmaterjalizzaw*

Id-**Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku**[49] tirrikjedi li l-Istati Membri **jinnotifikaw abbozzi ta' regolamenti tekniċi nazzjonali** lill-Kummissjoni, qabel l-adozzjoni tagħhom, sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' ostakli għas-suq uniku. Dan il-mekkaniżmu ta' notifika wassal għal prattika pożittiva ta' skambju ta' informazzjoni, għal djalogu, u għal kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, u fost l-Istati Membri. Jaqsam ukoll prattiki tajbin sabiex isolvi problemi komuni rigward ir-regolamenti tekniċi, speċjalment f'setturi regolati ġodda bħas-servizzi diġitali u teknoloġiji ġodda. Il-mekkaniżmu mhux biss irnexxielu jevita regoli ġodda li jiksru d-dritt tal-UE, iżda għen ukoll sabiex jiġi applikat il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku.

Fil-qasam tas-servizzi, il-proċedura ta' notifika skont id-Direttiva dwar is-Servizzi[50] għandha l-għan li tipprevjeni l-ħolqien ta' ostakli regolatorji mhux ġustifikati għas-suq uniku. Il-Kummissjoni tħeġġeġ b'mod attiv it-trasparenza dwar il-miżuri tal-Istati Membri fuq is-servizzi u tagħmel sforzi kontinwi sabiex iżżid l-effiċjenza ta' dik il-proċedura ta' notifika.

Id-**Direttiva dwar it-Test tal-Proporzjonalità** hija għodda oħra li tipprevjeni ostakli ġodda għas-suq uniku għas-servizzi professjonali. Kwalunkwe regolament professjonali nazzjonali ġdid irid ikun soġġett għal valutazzjoni bir-reqqa u hija neċessarja prova tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni.

### *Ħidma mal-Istati Membri sabiex jittejjeb l-infurzar*

Il-grupp ta' esperti tad-Direttiva dwar l-Aċċessibbiltà għall-Web (WADEX)[51] twaqqaf sabiex jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar **l-Aċċessibbiltà għall-Web**[52] u sabiex jipprovdi forum għall-iskambju ta' prattiki tajbin u ta' esperjenzi fil-qasam tal-aċċessibbiltà għall-web fost l-Istati Membri. Fl-2020 sal-2022, saru webinars ta' kull xahar, li għenu sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jsegwu approċċ komuni u li l-ewwel rapporti mill-Istati Membri dwar il-monitoraġġ tas-siti web u tal-apps għall-apparati mobbli ġew sottomessi b'mod puntwali u effettiv. Skont dawn ir-rapporti, matul dan il-perjodu l-Istati Membri ttestjaw aktar minn 10 000 sit web u 300 applikazzjoni għall-apparati mobbli. Dan l-eżerċizzju kkontribwixxa għal aktar sensibilizzazzjoni u għal aċċessibbiltà mtejba tal-kontenut online tas-settur pubbliku fuq is-siti web u fuq l-apps għall-apparati mobbli.

### *Użu ta' għodod tal-IT sabiex jiġu ffaċilitati l-konformità u l-infurzar*

Is-**Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Suq Intern** (**Internal Market Information**, IMI)[53] hija għodda tal-IT online li tiffaċilita l-kooperazzjoni amministrattiva interna dwar il-

[49] Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (id-Direttiva ta' kodifikazzjoni 98/34/KE).

[50] Id-Direttiva 2006/123/KE tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern.

[51] https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/node/9680

[52] Id-Direttiva (UE) 2016/2102 tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku.

[53] https://ec.europa.eu/internal_market/imi-net/index_mt.htm

leġiżlazzjoni tas-suq uniku għall-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-Istati Membri. Din tista' tgħin lill-pubbliku u lin-negozji li joperaw bejn il-fruntieri. Hija ekoloġika, sigura u multilingwi, u tnaqqas il-piż amministrattiv u tappoġġa 19-il qasam ta' politika.

Tista' tiġi adattata sabiex tappoġġa għanijiet speċifiċi. Pereżempju, fl-2022 tnedew tliet moduli ġodda tal-Kummissjoni sabiex jiġi ffaċilitat l-infurzar transfruntier tar-regoli l-ġodda introdotti mill-Pakkett dwar il-Mobilità, b'mod partikolari dwar l-istazzjonar tas-sewwieqa, ir-ritorn ta' sewwieq u r-ritorn ta' vettura. Barra minn hekk, inħolqot l-interfaċċa pubblika l-ġdida konnessa mal-IMI sabiex tagħmilha aktar faċli għall-operaturi tat-trasport bit-triq li **jissottomettu dikjarazzjonijiet ta' stazzjonar** lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn jistazzjonaw lis-sewwieqa tagħhom. L-operaturi tat-trasport bit-triq madwar l-Ewropa issa jistgħu jissottomettu d-dikjarazzjoni ta' stazzjonar tagħhom kompletament online b'mod sempliċi ħafna, filwaqt li jiffrankaw il-ħin u l-flus. Sa mit-tnedija, ġew sottomessi aktar minn 10 miljun dikjarazzjoni ta' stazzjonar.

Minbarra l-kumitati u l-gruppi ta' esperti, il-Kummissjoni torganizza wkoll **laqgħat bilaterali mal-Istati Membri għar-rieżami tal-konformità f'qasam ta' politika speċifiku**. Dawn il-laqgħat ta' konformità jippermettu lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru rilevanti jirrieżaminaw il-proċeduri miftuħin kollha ta' ksur u tal-EU Pilot f'dak il-qasam partikolari. Instab li huma utli fl-identifikazzjoni u fis-soluzzjoni ta' kwistjonijiet trażversali, hekk kif jiffrankaw il-ħin billi jindirizzaw diversi każijiet f'laqgħa waħda u jiżviluppaw fehim reċiproku bejn l-awtoritajiet nazzjonali u s-servizzi tal-Kummissjoni.

***Irbit tal-politiki u tal-appoġġ tal-UE***

L-appoġġ finanzjarju mill-UE wera wkoll li huwa għodda effettiva sabiex iħeġġeġ lill-Istati Membri jwettqu riformi u, fejn xieraq, jaċċelleraw il-kisba tal-objettivi stabbiliti fid-dritt tal-UE. Dan l-appoġġ jinkludi fondi strutturali u ta' investiment Ewropej bħall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura jew il-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, finanzjament permezz tal-programmi tad-Dwana u Fiscalis, u għotjiet u self taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[54] (RRF).

L-għan tal-RRF huwa li ttaffi l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-coronavirus u li tagħmel l-ekonomiji u s-soċjetajiet Ewropej aktar sostenibbli, reżiljenti u ppreparati aħjar għall-isfidi u għall-opportunitajiet tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Il-Faċilità hija strument temporanju għall-irkupru. Tippermetti lill-Kummissjoni tiġbor fondi sabiex tgħin lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' riformi u ta' investimenti, inklużi fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom, li jkunu allinjati mal-prijoritajiet tal-UE, u li jindirizzaw l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi skont il-qafas tas-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u soċjali. Għalkemm l-RRF ma hijiex

54 https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/recovery-coronavirus/recovery-and-resilience-facility_mt Stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

għodda ta' infurzar, dawk il-prijoritajiet, tradotti f'objettivi intermedji u f'miri, iridu jintlaħqu sabiex l-Istati Membri jirċievu l-iżborżi.

### *L-RRF tgħin lill-UE tilħaq il-mira tagħha tan-newtralità klimatika*

Sabiex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari fid-dawl tal-objettivi "Lesti għall-mira ta' 55 %", ħafna Stati Membri qegħdin jiffokaw fuq is-setturi tat-trasport u tal-bini fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom. Il-Faċilità se tintuża, fost affarijiet oħrajn, sabiex tappoġġa l-investimenti għar-rinnovazzjoni termali tal-bini, sabiex tekoloġizza l-flotta tal-vetturi u sabiex tappoġġa l-bidla modali lejn it-trasport bil-ferrovija. Bħala eżempju, fi Stat Membru wieħed, il-pjan se jiffinanzja għotja allokata lis-sidien tad-djar sabiex tgħin fil-ħlas għas-sostituzzjoni tat-tisħin, għall-ventilazzjoni, jew għall-awditi tal-enerġija għal djar b'familja waħda jew għal appartamenti f'akkomodazzjoni kollettiva. Dawn l-investimenti se jiffinanzjaw ir-rinnovazzjoni termali ta' 400 000 unità domestika f'dak l-Istat Membru.

L-użu ta' **kundizzjonijiet ta' kofinanzjament** marbutin mal-iżborż ta', pereżempju, fondi reġjonali, għall-iżvilupp ta' infrastruttura skont il-politika ta' koeżjoni tal-UE, wera wkoll li huwa inċentiv b'saħħtu għall-Istati Membri sabiex jaċċelleraw u jtejbu l-konformità tagħhom mad-dritt tal-UE relatat.

### *Użu ta' kundizzjonijiet ta' finanzjament sabiex tiġi xprunata l-konformità fis-settur tal-ilma u tal-iskart*

L-investiment meħtieġ sabiex tintlaħaq konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni tal-UE f'setturi bħall-immaniġġar tal-ilma jew tal-iskart huwa għoli: in-nefqa kumulattiva totali meħtieġa għall-konformità sal-2030 għall-provvista tal-ilma u għas-sanità tammonta għal EUR 255 biljun fis-27 Stat Membru[55]. Bl-istess mod, l-investiment addizzjonali meħtieġ għall-konformità mal-miri tal-ekonomija ċirkolari u tal-immaniġġjar tal-iskart huwa stmat li jlaħħaq bejn EUR 13-il biljun u EUR 28 biljun fis-sena sal-2030[56]. Dan huwa meħtieġ sabiex tiġi aġġornata s-sistema tal-iskart billi jittejbu l-ġbir, l-għażla, it-trattament tal-bijoskart, ir-riproċessar u d-diġitalizzazzjoni tar-reġistri.

Pereżempju, xi Stati Membri jiddependu fuq il-fondi ta' koeżjoni tal-UE sabiex jiffinanzjaw l-investimenti neċessarji. Madankollu, l-aċċess għall-kofinanzjament tal-UE jiddependi minn rekwiżiti speċifiċi[57]. L-Istati Membri jirċievu l-kofinanzjament biss jekk jissodisfaw numru ta' kundizzjonijiet stabbiliti fid-dritt tal-UE (bħat-tħejjija ta' pjanijiet għall-immaniġġar tal-iskart jew l-ippjanar għall-investimenti meħtieġa fis-settur tal-ilma). Dan jiżgura li l-kofinanzjament tal-UE jintuża b'mod effiċjenti u jagħmilha possibbli li tiġi

[55] OECD, "Financing Water Supply, Sanitation and Flood Protection: Challenges in the EU Member States and Policy Options", OECD Studies on Water, OECD Publishing, Pariġi, https://doi.org/10.1787/6893cdac-en.

[56] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali 2022 – Naqilbu l-paġna permezz tal-konformità ambjentali", COM(2022) 438 final.

[57] Imsejħin kundizzjonalitajiet *ex ante* (għall-perjodu ta' programmazzjoni bejn l-2014 u l-2020) jew kundizzjonijiet abilitanti (għall-perjodu ta' programmazzjoni bejn l-2021 u l-2027).

stabbilita infrastruttura ambjentali importanti u li jiġu ssodisfati l-istandards stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart u l-ilma.

Ir-rispett għall-istat tad-dritt huwa kruċjali għall-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni u għall-użu effettiv tal-finanzjament tal-Unjoni. Ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità[58] ilu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2021, u dan jipproteġi l-baġit tal-UE milli jiġi affettwat minn ksur tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri. Il-Kummissjoni ppubblikat linji gwida dwar l-applikazzjoni tar-reġim ġenerali ta' kundizzjonalità fit-2 ta' Marzu 2022. L-ewwel proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ġiet adottata fit-18 ta' Settembru 2022[59].

Lil hinn mill-appoġġ finanzjarju, il-Kummissjoni tipprovdi wkoll għarfien espert tekniku mfassal apposta lill-Istati Membri tal-UE sabiex ifasslu u jimplimentaw riformi skont l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku. L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku jappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali fit-titjib tal-kapaċità tagħhom li jfasslu, jiżviluppaw u jimplimentaw riformi li jsaħħu r-reżiljenza f'diversi oqsma (kooperazzjoni amministrattiva, stat tad-dritt, riforma tas-sistemi tal-ġustizzja, tisħiħ tas-superviżjoni finanzjarja u tisħiħ tal-ġlieda kontra l-frodi, kontra l-korruzzjoni u kontra l-ħasil tal-flus).

***Promozzjoni ta' amministrazzjoni pubblika tajba permezz ta' PACE (Skambju ta' Kooperazzjoni bejn l-Amministrazzjonijiet Pubbliċi)***

L-amministrazzjonijiet pubbliċi huma l-interfaċċa diretta bejn l-UE u ċ-ċittadini, peress li dawn jsarrfu d-dritt u l-programmi tal-UE f'azzjonijiet konkreti. Il-kwalità tal-amministrazzjonijiet pubbliċi hija fattur li jiddefinixxi l-kompetittività tal-Istati Membri, u għalhekk tal-UE kollha kemm hi[60]. Bis-saħħ tal- Istrument ta' Appoġġ Tekniku, il-Kummissjoni qiegħda tippilota inizjattiva għall-Iskambju ta' Kooperazzjoni bejn l-Amministrazzjonijiet Pubbliċi (Public Administration Cooperation Exchange, PACE) li permezz tagħha l-uffiċjali jistgħu jiġu ssekondati temporanjament fi Stat Membru ieħor.Dan il-programm jippermetti lill-parteċipanti jiksbu għarfien u ħiliet, joħolqu rabtiet u fl-aħħar mill-aħħar jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' spazju amministrattiv Ewropew ġenwin.

## V. DETEZZJONI BIKRIJA U R-RIŻOLUZZJONI TA' KSUR TAD-DRITT TAL-UE

***Aktar trasparenza u mekkaniżmi ta' monitoraġġ sabiex jiġu identifikati l-kwistjonijiet***

58 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

59 Il-Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni mill-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, COM(2022) 485 final.

60 Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, "Appoġġ lill-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Istati Membri tal-UE sabiex iwettqu r-riformi u jħejju għall-futur", SWD(2021) 101.

Iż-żieda fit-trasparenza, il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni dwar il-konformità u l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ regolari wrew ukoll li huma effettivi sabiex iħeġġu lill-Istati Membri sabiex jiksbu l-konformità aktar malajr jew, tal-anqas, jidentifikaw oqsma li jeħtieġu aktar attenzjoni.

Meta jiġu ppubblikati rapporti dwar dawn il-kwistjonijiet, jippermettu lill-pubbliku jsegwi l-prestazzjoni u l-livell ta' konformità tal-Istat Membru tagħhom f'oqsma ta' politika speċifiċi, iqajmu sensibilizzazzjoni fost in-negozji, u jħeġġu d-dibattitu pubbliku. Tabelli ta' valutazzjoni u valutazzjonijiet simili oħrajn jgħinu sabiex jiffokaw din il-ħidma, b'għodod bħat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku[61], ir-rapporti speċifiċi għall-pajjiżi tas-Semestru Ewropew[62], ir-Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali[63] u l-mappa interattiva dwar il-ksur ambjentali li jakkumpanjaha[64], jew il-pubblikazzjoni tar-reazzjonijiet tal-Kummissjoni għan-notifiki tal-Istati Membri skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku. Strumenti oħrajn, bħar-Rapport tal-Istat tad-Dritt jew it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE[65], jipprovdu informazzjoni intwittiva speċifika għall-pajjiżi dwar l-iżviluppi fl-Istati Membri, li għandhom rwol importanti fl-infurzar effettiv tad-dritt tal-UE. Sistema tal-ġustizzja nazzjonali li tiffunzjona tajjeb hija essenzjali sabiex tipprovdi protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet li ċ-ċittadini u n-negozji jiksbu mid-dritt tal-UE. F'xi oqsma ta' politika speċifiċi, il-Kummissjoni tippubblika informazzjoni dwar l-istat tat-traspożizzjoni tad-direttivi mill-Istati Membri[66].

Il-Kummissjoni spiss tirrapporta wkoll dwar l-implimentazzjoni ta' strumenti jew ta' oqsma speċifiċi tad-dritt tal-UE. Dawn ir-rapporti mhux biss għandhom l-għan li jinformaw lill-pubbliku dwar l-oqsma fejn id-drittijiet tagħhom ikunu f'riskju iżda għandhom ukoll l-għan li jidentifikaw xejriet u kwistjonijiet ġenerali, filwaqt li jgħinu fl-azzjoni ta' infurzar kontra l-Istati Membri u li jispiraw rieżami possibbli tal-liġi.

### *Evalwazzjoni ta' Schengen*

Żona Schengen li tiffunzjona tajjeb[67] tiddependi fuq l-implimentazzjoni korretta u effettiva tal-*acquis* ta' Schengen u fuq il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Il-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u ta' Monitoraġġ ta' Schengen[68] jipprevedi evalwazzjonijiet oġġettivi u

---

61 https://single-market-scoreboard.ec.europa.eu/
62 https://ec.europa.eu/info/publications/2022-european-semester-country-reports_mt
63 https://environment.ec.europa.eu/law-and-governance/environmental-implementation-review_mt
64 https://environment.ec.europa.eu/law-and-governance/environmental-implementation-review_mt#environmental-infringements-map-and-dashboard
65 https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/upholding-rule-law/eu-justice-scoreboard_mt
66 https://finance.ec.europa.eu/regulation-and-supervision/enforcement-and-infringements-banking-and-finance-law/monitoring-banking-and-finance-directives_mt
67 Iż-Żona ta' Schengen hija żona mingħajr fruntieri interni, li fiha ċ-ċittadini u ħafna ċittadini mhux tal-UE li joqogħdu legalment fl-UE jistgħu jiċċirkolaw liberament mingħajr ma jkunu soġġetti għal kontrolli fil-fruntieri. Mill-1985, kibret gradwalment u tinkludi kważi l-Istati Membri kollha tal-UE u ftit pajjiżi assoċjati mhux tal-UE.
68 https://home-affairs.ec.europa.eu/policies/schengen-borders-and-visa/schengen-area/schengen-evaluation-and-monitoring_mt

imparzjali, sabiex jiġu identifikati malajr in-nuqqasijiet fl-applikazzjoni tar-regoli ta' Schengen u sabiex jiġi żgurat li jiġu indirizzati malajr. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jwettqu żjarat ta' evalwazzjoni, li huma segwiti minn rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill lill-Istati Membri għal azzjoni ta' rimedju. Il-mekkaniżmu ġie aġġornat u ttejjeb[69], u proċedura aktar simplifikata tiżgura li nuqqasijiet serji b'mod partikolari jiġu indirizzati minnufih.

### Rapport dwar l-Istat tad-Dritt

Ir-Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt[70] jinsab fiċ-ċentru tal-Mekkaniżmu Ewropew tal-Istat tad-Dritt[71]. F'Lulju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat it-tielet Rapport annwali tagħha dwar l-Istat tad-Dritt, flimkien mal-kapitoli tagħha speċifiċi għas-27 pajjiż. Ir-Rapport huwa r-riżultat ta' djalogu mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali u mal-partijiet ikkonċernati, u jkopri l-Istati Membri kollha fuq bażi oġġettiva u imparzjali, filwaqt li jħares lejn l-erba' pilastri ewlenin għall-istat tad-dritt: is-sistemi tal-ġustizzja, il-qafas kontra l-korruzzjoni, il-pluraliżmu u l-libertà tal-media, u kwistjonijiet istituzzjonali oħrajn marbutin mas-sistema ta' kontrokontrolli. Mill-2022, ir-Rapport jiġi b'rakkomandazzjonijiet speċifiċi indirizzati lil kull Stat Membru. F'konformità man-natura preventiva tar-Rapport, l-objettiv tar-rakkomandazzjonijiet huwa li jassistu u jappoġġaw lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom sabiex imexxu 'l quddiem ir-riformi kurrenti jew ippjanati u jgħinuhom jidentifikaw fejn ikun meħtieġ titjib, segwitu għal bidliet riċenti jew riformi[72].

### *Twettiq ta' awditi sabiex tiġi vverifikata l-konformità*

F'xi oqsma tad-dritt tal-UE, il-Kummissjoni twettaq awditi sabiex tivverifika jekk l-Istati Membri jikkonformawx mar-regoli tal-UE fil-prattika u sabiex tivvaluta l-kontrolli nazzjonali.

L-awditi huma għodda essenzjali għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE. Jgħinu sabiex jiġu identifikati l-pagamenti irregolari u sabiex jiġu rkuprati l-ammonti li jkunu ntefqu mingħajr bżonn mill-Istat Membru għan-nuqqas ta' konformità mar-regoli u mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba. Ir-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-awditi u mill-pjanijiet ta' azzjoni istigati mill-Istati Membri fuq talba tal-Kummissjoni spiss iwasslu direttament għal implimentazzjoni mtejba tar-regoli mill-awtoritajiet tal-Istati Membri.

### Protezzjoni tal-istandards tal-UE dwar is-sikurezza tal-ikel u tal-għalf

In-nies fl-UE jistennew standards għoljin ta' sikurezza tal-ikel u tal-għalf u tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti. Dawn l-istandards huma protetti b'kontrolli, li jinkludu awditi, fl-Istati Membri u f'pajjiżi mhux tal-UE li jesportaw pjanti, annimali u ikel lejn l-UE. Fl-2019

[69] Ir-Regolament (UE) 2022/922 tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen.

[70] https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/upholding-rule-law/rule-law/rule-law-mechanism/2022-rule-law-report_mt

[71] https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/upholding-rule-law/rule-law/rule-law-mechanism_mt

[72] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt - Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea" COM(2022) 500 final.

sal-2020, il-Kummissjoni wettqet 170 awditu u kontroll simili fuq is-sistemi ta' kontroll uffiċjali tal-Istati Membri, li rriżultaw f'527 rakkomandazzjoni lill-Istati Membri. F'numru sovrastanti ta' każijiet, l-Istati Membri ħadu azzjoni korrettiva, jew ipprovdew impenji sodisfaċenti sabiex jindirizzaw in-nuqqasijiet. Fl-2020, madwar 17-il miljun operatur fil-katina agroalimentari kienu soġġetti għal kontrolli uffiċjali mill-awtoritajiet nazzjonali. Wettqu aktar minn erba' miljun kontroll fuq dawn l-operaturi. Dan għen lill-awtoritajiet nazzjonali jinfurzaw aħjar l-istandards għoljin tal-UE dwar is-sikurezza tal-ikel u tal-għalf.

### *Tfassil ta' pjanijiet ta' azzjoni sabiex tittejjeb il-konformità mar-regoli komuni għas-sajd*

Il-Kummissjoni tispezzjona lill-Istati Membri sabiex tivverifika kif jimplimentaw il-kontrolli tas-sajd. Jekk tidentifika nuqqasijiet sistematiċi fil-kontroll, tfassal pjanijiet ta' azzjoni flimkien mal-Istati Membri, biex issaħħu is-sistemi ta' kontroll tagħhom. Dawn il-pjanijiet ta' azzjoni jgħinu lill-Kummissjoni ssegwi l-implimentazzjoni u l-progress fis-sistemi ta' kontroll tas-sajd tal-Istati Membri, li huma essenzjali għall-iżgurar ta' sajd sostenibbli u ta' stokkijiet ta' ħut f'saħħithom. Dan irriżulta f'rapportar tal-qabdiet aktar affidabbli u f'sistemi mtejbin għall-identifikazzjoni ta' ksur tal-politika komuni tas-sajd.

### *Żgurar tar-regolarità tal-pagamenti fil-qasam tal-agrikoltura*

Il-Kummissjoni twettaq awditi regolari fl-Istati Membri sabiex tivverifika r-rispett mill-Istati Membri tal-leġiżlazzjoni tal-UE li tirregola l-appoġġ ipprovdut permezz tal-Politika Agrikola Komuni lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħrajn. F'każ ta' nuqqasijiet fil-konformità jew fil-kontrolli tas-sistema, il-Kummissjoni tista' tissospendi jew tirkupra l-finanzjament tal-UE mill-Istati Membri. Dawn il-korrezzjonijiet finanzjarji wrew li huma mekkaniżmi effettivi għall-korrezzjoni tal-iżbalji li saru u għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE. Barra minn hekk, sabiex jissaħħu s-sistemi ta' kontroll ta' Stat Membru, il-Kummissjoni titlob lill-Istat Membru jimplimenta pjan ta' azzjoni.

***Proċess ta' qabel il-ksur (EU Pilot)***

Meta l-Kummissjoni, minkejja l-isforzi preventivi u l-appoġġ tagħha lill-Istati Membri, tidentifika ksur possibbli tad-dritt tal-UE, tista' tiddeċiedi li tuża proċess ta' qabel il-ksur, magħruf bħala EU Pilot[73]. Din l-għodda tintuża meta toffri valur miżjud: fl-2021, minn 302 każijiet ta' ksur miftuħin mill-Kummissjoni wara investigazzjonijiet fuq inizjattiva proprja jew wara lmenti[74], 33 kienu ppreċeduti minn proċess tal-EU Pilot. Dan huwa għodda li tista' tintuża fejn x'aktarx twassal għal konformità aktar rapida minn proċedura formali ta' ksur. Jippermetti lill-Kummissjoni ssolvi numru ta' każijiet fl-istadju tal-EU Pilot mingħajr il-ħtieġa li tgħaddi għal proċedura ta' ksur. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, jekk il-kwistjonijiet inkwistjoni jkunu ta' natura teknika. Jista' jkun utli wkoll f'każijiet li fihom il-

[73] EU Pilot huwa strument ta' kooperazzjoni u ta' djalogu bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri relatat ma' kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità (potenzjali) mad-dritt tal-UE. L-użu mill-Kummissjoni tal-EU Pilot huwa stabbilit f'linji gwida interni speċifiċi, riveduti f'Lulju 2020.

[74] Dan jeskludi każijiet ta' ksur li jinħolqu awtomatikament għan-nuqqas ta' traspożizzjoni ta' Direttiva awtorikonoxxuta minn Stat Membru.

Kummissjoni tixtieq tiġbor informazzjoni fattwali jew legali meħtieġa sabiex twettaq il-valutazzjoni tagħha[75]. Ma jintużax meta l-ksur ikun ipprovat sew, ovvju jew awtorikonoxxut, u lanqas ma jintuża għal kwistjonijiet aktar sensittivi li fihom id-diskussjonijiet fil-livell tekniku x'aktarx iwasslu għal eżitu b'suċċess. Il-Kummissjoni għandha wkoll tipproteġi kontra r-riskju li proċess bħal dan jikkawża dewmien mingħajr bżonn: jekk il-proċedura ddum wisq u tibqa' ma tagħmilx progress sostanzjali, jew jekk ikun hemm nuqqas ta' kooperazzjoni mill-Istat Membru, il-Kummissjoni ttemm il-proċess tal-EU Pilot u taqleb għal proċedura ta' ksur.

Maż-żmien, il-proċess tal-EU Pilot wera l-valur tiegħu. Uża approċċ li bih jisfrutta l-aċċess miftuħ u l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni sabiex tinkiseb il-konformità aktar malajr. Fl-2021, aktar minn 80 % tal-proċessi tal-EU Pilot ġew solvuti b'mod sodisfaċenti. Meta ma jirnexxix, isir rikors għal proċedimenti ta' ksur.

### *EU Pilot sabiex jiġi żgurat li n-nies ikunu jistgħu jużaw il-kont tal-IBAN tagħhom fi kwalunkwe Stat Membru*

Ir-Regolament dwar iż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA)[76] għandu l-għan li jiżgura li kwalunkwe kont bankarju tal-UE jkun jista' jintuża għat-trasferimenti ta' kreditu u d-debitu dirett b'mod transfruntier bl-istess faċilità bħal meta jsiru fil-livell domestiku. Madankollu, f'xi Stati Membri, ir-riċevituri ewlenin tal-pagamenti bħall-kumpaniji tat-telekomunikazzjoni jew l-awtoritajiet tat-tassazzjoni jew tas-sigurtà soċjali ma aċċettawx il-kodiċi tal-IBAN, sabiex il-kontijiet f'pajjiżi oħrajn tal-UE ma setgħux jintużaw sabiex jiġu stabbiliti debiti diretti jew sabiex jiġu ttrasferiti fondi bħad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa jew il-pensjonijiet. Bejn l-2016 u l-2021, il-Kummissjoni bdiet proċessi tal-EU Pilot ma' ħames Stati Membri. B'riżultat ta' dan, il-qafas legali tagħhom ġie emendat jew qiegħed jiġi emendat sabiex jiġi miġġieled il-ksur u sabiex jiġu żgurati sanzjonijiet xierqa. Fi tliet każijiet, il-Kummissjoni fetħet ukoll proċeduri ta' ksur sabiex tiżgura li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkollhom setgħa suffiċjenti sabiex jimmonitorjaw il-konformità u jimponu sanzjonijiet. Dan irriżulta wkoll f'bidliet leġiżlattivi sabiex l-awtoritajiet jingħataw is-setgħat meħtieġa.

### *EU Pilot sabiex jittejjeb l-aċċess transfruntier għall-kura tas-saħħa*[77]

Il-pazjenti għandhom id-dritt li jaċċessaw il-kura tas-saħħa fi kwalunkwe Stat Membru u li jiġu rrimborżati għall-kura barra mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Peress li xi Stati Membri ttrasponew b'mod żbaljat ir-regoli tal-UE dwar id-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transfruntiera fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-Kummissjoni fetħet proċessi tal-EU Pilot sabiex ittejjeb malajr l-aċċess għal kura tas-saħħa transfruntiera sikura u ta' kwalità għolja f'dawn il-pajjiżi. Filwaqt li tnedew proċeduri ta' ksur kontra tliet Stati Membri, il-proċess

[75] Il-maġġoranza l-kbira tal-proċeduri ta' ksur jinfetħu mingħajr proċess preċedenti tal-EU Pilot.

[76] Ir-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-14 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u tan-negozju għat-trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti bl-euro.

[77] "Kura tas-saħħa transfruntiera" tfisser kura tas-saħħa pprovduta jew ordnata fi Stat Membru għajr l-Istat Membru ta' affiljazzjoni.

tal-EU Pilot wassal għal eżitu b'suċċess ma' disa' Stati Membri. Fil-maġġoranza ta' dawk il-każijiet, l-Istati Membri emendaw il-leġiżlazzjoni jew il-prattiki amministrattivi sabiex jallinjawha mar-regoli tal-UE. B'konsegwenza ta' dan, il-pazjenti jibbenefikaw minn rekwiżiti anqas onerużi għal awtorizzazzjoni minn qabel, minn proċeduri amministrattivi eħfef u minn informazzjoni aktar trasparenti dwar il-kura tas-saħħa transfruntiera, bl-effett ġenerali li l-pazjenti issa għandhom aċċess aktar faċli għas-servizzi tal-kura tas-saħħa fi Stati Membri oħrajn.




## VI. UŻU EFFETTIV TAL-PROĊEDURI TA' KSUR

Il-politika ta' infurzar tal-Kummissjoni evolviet maż-żmien. Mill-2017, il-Kummissjoni ffokat dejjem aktar l-isforzi tagħha fuq kwistjonijiet li fihom l-interventi tagħha jistgħu jimmassimizzaw il-valur miżjud u jagħmlu differenza fil-ħajja u fl-attivitajiet tal-akbar numru ta' nies u ta' negozji possibbli. Għalhekk, il-Kummissjoni tkompli ssegwi l-approċċ strateġiku, l-objettivi u l-prijoritajiet li stabbiliet fil-Komunikazzjoni tal-2016 "Id-Dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar".

L-iskop primarju tal-proċedura ta' ksur huwa li jiġi żgurat li l-Istati Membri jagħtu effett lid-dritt tal-UE fl-interess ġenerali, u mhux li tipprovdi rimedju individwali. Għalhekk, l-approċċ strateġiku tal-Kummissjoni jfisser li l-proċeduri ta' ksur rarament jiffokaw fuq kwistjonijiet individwali, iżda pjuttost fuq kwistjonijiet sistemiċi u strutturali li jaffettwaw numru kbir ta' persuni jew ta' negozji fi Stat Membru partikolari jew madwar l-Unjoni.

### *Indirizzar ta' ħafna applikazzjonijiet ħżiena individwali fi proċedura waħda ta' ksur*

Fil-qasam tal-ambjent, il-Kummissjoni kienet tiftaħ każijiet individwali għal landfill waħda mhux konformi, jew għal agglomerazzjoni waħda li ma kinitx konformi mal-leġiżlazzjoni dwar l-ilma urban mormi. Issa tiffoka fuq każijiet sistemiċi, filwaqt li xi drabi tindirizza mijiet ta' agglomerazzjonijiet f'każ wieħed ta' trattament tal-ilma mormi urban jew għexieren ta' landfills f'każijiet relatati mal-iskart. Dawn huma ħafna aktar effiċjenti sabiex

ir-reġjuni kollha fi Stat Membru jinġiebu konformi permezz ta' proċedura unika ta' ksur.

### *Segwitu ta' kwistjonijiet tal-prinċipju ġenerali mqajmin wara lment*

Id-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni, minqux fil-Karta, jikkostitwixxi waħda mill-bażijiet essenzjali ta' soċjetà demokratika u pluralistika. F'dan ir-rigward, fi proċedura ta' ksur mibdija mill-Kummissjoni u informata minn ilment, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru partikolari kienet tfixkel il-moviment liberu tal-kapital u d-drittijiet fundamentali għall-protezzjoni ta' *data* personali u għal-libertà ta' assoċjazzjoni.

Każijiet iżolati ta' applikazzjoni ħażina possibbli tad-dritt tal-UE, li ma jqajmu l-ebda kwistjoni ġenerali ta' prinċipju (bħat-traspożizzjoni skorretta ta' direttiva jew li jimpedixxu l-proċedura għal deċiżjonijiet preliminari), neqsin minn evidenza ta' prattika ġenerali jew ta' nuqqasijiet sistemiċi, jiġu ttrattati b'mod aktar effettiv minn korpi ta' rimedju eqreb għal dawk affettwati mill-ksur. Dawn jistgħu joffru soluzzjonijiet rapidi u diretti. Minbarra d-diffikultà li jiġu investigati każijiet bħal dawn fil-prattika u t-tul ta' proċedura ta' ksur fil-livell tal-UE, sentenza mill-Qorti tal-Ġustizzja hija indirizzata lil Stat Membru u tista' tindirizza b'mod indirett biss il-problema ta' individwu. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tordna lill-Istat Membru jħallas id-danni lil individwu affettwat b'mod negattiv minn ksur tad-dritt tal-UE. Sabiex ifittxu kumpens jew jitolbu l-annullament ta' miżura nazzjonali, l-ilmentaturi xorta jeħtiġilhom jippreżentaw il-każ tagħhom quddiem qorti nazzjonali.

Il-Kummissjoni tirċievi madwar 4 000 ilment kull sena[78]. Tirċievi wkoll ħafna petizzjonijiet relatati mad-dritt tal-UE, imressqin mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Anke jekk il-Kummissjoni ma tinvestigax kull applikazzjoni ħażina possibbli tad-dritt tal-UE, hija tkompli tivvaluta l-ilmenti, il-mistoqsijiet bil-miktub u l-petizzjonijiet bħala sors ta' informazzjoni f'każijiet usa' relatati ma' ksur sistemiku jew strutturali tad-dritt tal-UE fl-Istati Membri.

Dan l-approċċ strateġiku jirrikjedi li r-regoli nazzjonali jipprovdu proċeduri effettivi ta' rimedju għal ksur tad-dritt tal-UE, permezz ta' sistema ġudizzjarja indipendenti u effiċjenti. Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni tagħti prijorità partikolari lil ksur li jaffettwa l-kapaċità tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali li jikkontribwixxu għall-applikazzjoni effettiva tad-dritt tal-UE. B'mod parallel, il-Kummissjoni tiffoka wkoll l-isforzi ta' infurzar tagħha fuq l-iżgurar li l-awtoritajiet nazzjonali u l-korpi regolatorji jkunu mgħammrin sabiex jipprovdu rimedju effettiv, f'termini ta' setgħat u ta' riżorsi, u li l-miżuri nazzjonali li jimplimentaw id-dritt tal-UE jipprevedu penali xierqa għall-ksur tad-dritt tal-UE.

L-objettiv tal-Kummissjoni huwa li tiżgura li l-Istati Membri jikkonformaw mad-dritt tal-UE mill-aktar fis possibbli. Tesprimi s-sodisfazzjon tagħha bil-fatt li l-maġġoranza tal-ksur jiġi

[78] L-aktar riċevuti permezz tal-formola tal-ilmenti online disponibbli hawnhekk: https://ec.europa.eu/assets/sg/report-a-breach/complaints_mt/. Ir-referenza għal "ilmenti" tinkludi l-hekk imsejħa "lmenti multipli", f'liema każ, il-Kummissjoni, taħt fajl wieħed ta' lmenti, tittratta numru kbir ħafna ta' lmenti identiċi.

solvut fi stadju bikri tal-proċedura[79] – aktar minn 90 % tal-każijiet ta' ksur jiġu riżolti qabel ma jiġu riferiti lill-Qorti tal-Ġustizzja. Is-soluzzjoni ta' kwistjonijiet mingħajr il-ħtieġa li l-kwistjoni titressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura konformità aktar bikrija u tiffranka ż-żmien u l-flus. L-Istati Membri huma meħtieġa jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mas-sentenza tal-Qorti mill-aktar fis possibbli. Madankollu, jekk minkejja s-sentenza tal-Qorti, l-Istat Membru xorta ma jirrettifikax il-ksur, il-Kummissjoni tista' tirreferi l-każ lura lill-Qorti tal-Ġustizzja u titlob li jiġu imposti penali finanzjarji fuq l-Istat Membru[80].




### *Azzjoni effettiva ta' ksur*

Id-dritt tal-UE dwar **it-tniġġis tal-arja** huwa qasam li fih l-iżgurar tal-konformità jista' jkollu kost ekonomiku għoli, iżda fejn in-nuqqas ta' konformità mad-dritt tal-UE jisraq il-ħajjiet u jikkawża mard gravi. Irriżulta f'numru kbir ta' proċeduri ta' ksur. Sa Lulju 2022, il-Kummissjoni kienet fetħet 28 każ ta' ksur li jikkonċernaw in-nuqqas minn 18-il Stat Membru li japplikaw id-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali[81]. 15-il każ ġew irriferuti lill-Qorti tal-Ġustizzja, u 10 minnhom wasslu għal sentenza. Wieħed minn dawn il-każijiet jikkostitwixxi t-tieni riferiment lill-Qorti, u għalhekk jista' jwassal għal multi. Dawn l-isforzi ta' infurzar kienu strumentali sabiex jitbaxxa n-numru ta' żoni ta' kwalità tal-arja li jaqbżu l-limiti legali għal materja partikolata minn 91 fl-2019 għal 55 fl-2021[82], u n-numru ta' żoni b'eċċess ta' diossidu tan-nitroġenu minn 68 għal 23 fl-2021. Dan ifisser li n-nies f'diversi bliet madwar l-Ewropa issa jistgħu jgawdu minn arja aktar nadifa. L-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kwalità tal-arja għenet sabiex l-imwiet

[79] Fl-2021, 69 % tal-każijiet ta' ksur ingħalqu wara ittra inizjali ta' intimazzjoni.
[80] Fuq il-bażi tal-Artikolu 260(2) tat-TFUE.
[81] Id-Direttiva 2008/50/KE tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja aktar nadifa għall-Ewropa.
[82] L-aġġornament għall-2021 huwa bbażat fuq l-aktar *data* reċenti dwar il-kwalità tal-arja disponibbli fiż-żmien tal-kitba, jiġifieri għall-2020.

prematuri marbutin mat-tniġġis tal-arja tnaqqsu b'terz mill-2005, b'aktar minn 150 000 ħajja salvata b'riżultat ta' dan[83].

Il-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari **lill-protezzjoni tal-foresti Ewropej**, peress li jaħżnu ħażniet sinifikanti ta' karbonju, ineħħu l-karbonju mill-atmosfera u huma ta' importanza kbira għall-bijodiversità u għall-forniment ta' servizzi kritiċi tal-ekosistema. Meta l-Istati Membri naqsu b'mod sistemiku milli jevitaw id-deterjorament tal-ħabitats tal-foresti mill-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam jew minn prattiki irregolari ta' ġestjoni tal-foresti, il-Kummissjoni fetħet azzjoni ta' ksur, billi użat immaġnijiet satellitari bħala mezz biex turi d-deterjorament tal-ħabitats tal-foresti. Bħalissa għaddejjin diversi proċeduri ta' ksur kontra erba' Stati Membri, b'deċiżjoni diġà maħruġa mill-Qorti tal-Ġustizzja f'wieħed minn dawn il-każijiet. Fi proċedimenti simili tal-Qorti relatati mal-protezzjoni tal-foresti, il-Kummissjoni invokat l-Artikolu 279 tat-TFUE, u talbet lill-Qorti timponi miżuri interim sabiex tiġi evitata ħsara irrimedjabbli lill-foresti tagħna. Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ordnat lill-Istat Membru kkonċernat iwaqqaf l-operazzjonijiet attivi ta' ġestjoni tal-foresti u t-tneħħija ta' abiti mejtin li ilhom weqfin sekli sħaħ sabiex jiġu protetti l-ħabitats tal-foresti, jew inkella kienet se timponi multa ta' kuljum sakemm tiġi rrispettata l-ordni.

Il-Kummissjoni tuża kull mezz għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tipproteġi n-negozji Ewropej mill-ostakli għall-aċċess għall-**akkwist pubbliku**. Dan jinkludi l-iżgurar ta' infurzar xieraq tar-regoli eżistenti sabiex jiġi evitat l-abbuż ta' għotjiet diretti jew it-tneħħija ta' restrizzjonijiet għas-sottokuntrattar, li huma kruċjali sabiex l-SMEs ikunu jistgħu jipparteċipaw fi proċeduri ta' offerti, kemm bejn il-fruntieri kif ukoll fil-livell nazzjonali.

Fil-qasam tas-**servizzi**, il-Kummissjoni nediet proċeduri ta' ksur kontra għaxar Stati Membri għall-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq ċerti servizzi pprovduti b'mod partikolari minn periti, minn inġiniera, minn kontabilisti u minn konsulenti tat-taxxa, minn avukati u fis-settur tal-kostruzzjoni u tal-bini. Dawn ir-restrizzjonijiet għamluha diffiċli għal kumpaniji bħal dawn biex joperaw b'mod transfruntier u jespandu. Konsegwentement, in-nies u n-negozji ma setgħux jibbenefikaw mill-aktar servizzi kompetittivi u innovattivi disponibbli fis-suq tal-UE. Wara dawk il-proċeduri ta' ksur, l-Istati Membri emendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom.

Il-konsumaturi Ewropej ma għandhom jiffaċċjaw l-ebda ostaklu jew frizzjoni fl-aċċess ta' oġġetti u ta' servizzi online bejn il-fruntieri, irrispettivament mill-post, mir-residenza jew min-nazzjonalità tagħhom. Il-Kummissjoni appoġġat lill-Istati Membri fl-applikazzjoni tar-**Regolament dwar l-Imblukkar Ġeografiku**[84], li jipproteġi l-aċċess tal-konsumaturi għal siti web tal-kummerċ elettroniku kontra d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità, tal-post ta' residenza jew tal-post ta' stabbiliment għall-klijenti li jixtru online. Iżda r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri jinkludu r-rekwiżit li jiġi stabbilit kif jiġu infurzati r-

[83] Sors: L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.
[84] Short-term review of the Geo-blocking Regulation

regoli u minn min. F'dan il-kuntest, fl-2019 il-Kummissjoni nediet proċeduri ta' ksur kontra disa' Stati Membri. Sal-2021, l-Istati Membri kollha kienu ssodisfaw l-obbligi tagħhom, bl-awtoritajiet kompetenti maħturin fl-Istati Membri kollha. Dan għen, pereżempju, fit-tħejjija ta' investigazzjoni madwar l-UE kollha dwar magna tat-tiftix prominenti fuq prattiki ta' mblukkar ġeografiku mhux ġustifikati[85].

Sabiex tippromwovi **l-istat tad-dritt**, u b'mod aktar speċifiku biex tipproteġi l-indipendenza ġudizzjarja u tiżgura l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva mill-qrati nazzjonali indipendenti, il-Kummissjoni ħadet azzjoni kontra Stat Membru wieħed minħabba li kien adotta leġiżlazzjoni li naqqset l-età tal-irtirar tal-imħallfin, flimkien ma' setgħa kompletament diskrezzjonali tal-eżekuttiv li jtawwal il-mandati attivi, u b'hekk iġġiegħel lil numru ta' mħallfin f'kariga attiva jirtiraw. Il-Kummissjoni ppreżentat il-kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li kkonfermat il-ksur tad-dritt tal-UE. B'riżultat ta' dan, l-Istat Membru ħassar ir-regoli tal-irtirar tiegħu għall-imħallfin u reġa' daħħal l-imħallfin li kienu mġiegħla jirtiraw.

Wara li rċeviet ilmenti li indikaw nuqqas ta' implimentazzjoni tar-**regoli dwar il-kejl u l-kontijiet** għat-tisħin u għall-ilma sħun fl-unitajiet domestiċi skont id-**Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika**[86], il-Kummissjoni fetħet proċedura ta' ksur. Peress li d-Direttiva ma kinitx ġiet trasposta fl-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirreferi l-każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Wara li l-Qorti qatgħet is-sentenza tagħha, l-Istat Membru adotta l-leġiżlazzjoni neċessarja. In-nies li jgħixu f'bini b'diversi appartamenti issa għandhom id-dritt li jkollhom arloġġi tat-tisħin u tal-ilma sħun installati individwalment, sabiex ikunu jistgħu jimmonitorjaw il-konsum tal-enerġija individwali tagħhom u jieħdu miżuri sabiex inaqqsu l-konsum.

Il-Kummissjoni tiftaħ proċeduri ta' ksur jew fuq inizjattiva tagħha stess, bħala segwitu għal ilment jew awtomatikament kull xahrejn, jiġifieri każijiet ta' nuqqas ta' komunikazzjoni kkawżati minn nuqqas awtoddikjarat mill-Istati Membri li jittrasponu d-direttivi tal-UE bis-sħiħ sal-iskadenza. It-teħid ta' passi kontra każijiet dwar traspożizzjoni tardiva tad-direttivi fil-liġi nazzjonali kien u għadu prijorità għall-Kummissjoni, peress li dan id-dewmien jipprevjeni milli jimmaterjalizzaw il-benefiċċji tar-regoli miftehma tal-UE. Maż-żmien, qiegħed ikun hemm anqas każijiet ta' Stati Membri li ma rrispettawx l-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-direttivi, u dan wassal għal tnaqqis ġenerali fil-proċeduri ta' ksur[87].

---

85 https://ec.europa.eu/info/live-work-travel-eu/consumer-rights-and-complaints/enforcement-consumer-protection/coordinated-actions/social-media-and-search-engines_mt#google
86 Id-Direttiva 2012/27/UE tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza enerġetika.
87 Mill-2011, in-numru ta' każijiet ta' traspożizzjoni tardiva naqas minn aktar minn 1 000 għal madwar 500 fis-sena.




F'dawn l-aħħar snin, qiegħed jinfetaħ sehem akbar ta' każijiet wara **l-investigazzjonijiet tal-Kummissjoni stess**[88]. Dawn il-każijiet ta' ksur "fuq inizjattiva proprja" għamluha possibbli għall-Kummissjoni li tkompli l-approċċ strateġiku tagħha għall-infurzar, filwaqt li tieħu passi kontra każijiet ta' prijorità kif stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-2016, inklużi t-traspożizzjoni skorretta tad-direttivi u l-aġir fil-pront u b'sodezza fuq ksur li jostakola l-libertajiet fundamentali u l-valuri tal-UE.




## VII. REAZZJONI RAPIDA U EFFETTIVA GĦALL-KRIŻIJIET

[88] Dawn jeskludu każijiet ta' nuqqas ta' komunikazzjoni miftuħin awtomatikament għan-nuqqas ta' traspożizzjoni tad-direttivi, u każijiet ibbażati fuq ilmenti.

Kriżijiet jew sitwazzjonijiet ta' emerġenza, bħall-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, jittestjaw il-konformità sħiħa tal-Istati Membri mal-erba' libertajiet fundamentali tal-UE u l-funzjonament tas-suq uniku. F'ċirkostanzi diffiċli, jista' jkun hemm xewqa li jiġu ffavoriti kunsiderazzjonijiet domestiċi aktar milli l-applikazzjoni xierqa tad-dritt tal-UE. Madankollu, l-infurzar effettiv tad-dritt tal-UE jibqa' kruċjali għan-nies u għan-negozji sabiex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jkomplu jgawdu l-protezzjoni u ċ-ċertezza legali offruti mid-dritt tal-UE, u li l-oġġetti u s-servizzi essenzjali jiġu pprovduti fejn ikunu l-aktar meħtieġa.

Kriżijiet riċenti wrew kemm il-ħtieġa li l-UE tadatta kif ukoll il-kapaċità tagħha għal dan. Il-Kummissjoni użat varjetà wiesgħa ta' passi sabiex tgħin lill-Istati Membri u lill-pubbliku jadattaw għal ċirkostanzi li jinbidlu, mill-proposta ta' leġiżlazzjoni ġdida sabiex jiġu emendati r-regoli, sa gwida, appoġġ finanzjarju, koordinazzjoni fost l-awtoritajiet rilevanti u djalogi speċifiċi. Meta kienu neċessarji, intużaw ukoll proċeduri ta' ksur. Dan l-approċċ komprensiv għen sabiex jiġi żgurat li d-dritt tal-UE jkompli japplika matul kriżi. Min-naħa tiegħu, dan ikkontribwixxa għal sens mifrux li l-UE rnexxielha tirreaġixxi għal dawn il-kriżijiet b'mod aktar effettiv flimkien milli kien ikun possibbli permezz ta' reazzjonijiet nazzjonali biss.

Xi regoli tal-UE diġà għandhom flessibbiltà inkorporata sinifikanti li sar użu tajjeb minnha fil-kriżi, bħall-klawżola liberatorja ġenerali fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jew l-azzjoni meħuda skont id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja[89]. Il-Kummissjoni adottat Oqfsa Temporanji[90] sabiex tippermetti lill-Istati Membri jużaw il-flessibbiltà fir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat sabiex jappoġġaw l-ekonomija. Il-Kummissjoni għamlet proposti sabiex jiġu applikati derogi speċifiċi mir-regoli dwar il-laqgħat tal-kumpaniji, kif ukoll sabiex jiġu aġġustati l-limiti ta' żmien f'oqsma bħad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa. F'każijiet oħrajn, il-linji gwida ġabu ċarezza fir-regoli eżistenti, bħal dawk għall-inizjattiva "Korsiji Ħodor" sabiex jiġi żgurat il-fluss kontinwu tal-merkanzija fis-suq uniku u sabiex ikun jista' jseħħ il-moviment liberu ta' ħaddiema kritiċi matul il-pandemija, jew bħala għajnuna għar-rikonoxximent ta' diplomi miżmumin minn persuni li jaħarbu mill-Ukrajna. Miżuri speċifiċi għenu wkoll sabiex juru lill-Istati Membri li kien hemm alternattivi ċari għas-soluzzjonijiet nazzjonali: iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE ppreserva l-moviment liberu tal-persuni billi ta lill-awtoritajiet nazzjonali mezz sabiex jivverifikaw l-istatus tad-detenturi kollha taċ-ċertifikati li jiċċaqilqu madwar l-UE. Sa tmiem l-2021, l-Istati Membri kienu ħarġu aktar minn biljun ċertifikat. Dawn il-miżuri kollha żammew l-integrità tad-dritt tal-UE, filwaqt li ppermettew il-flessibbiltà essenzjali.

Madankollu, kien hemm każijiet li fihom l-Istati Membri fittxew li jipprevalu fuq ir-regoli tal-UE. Pereżempju, fil-bidu tal-pandemija tal-COVID-19, xi Stati Membri introduċew b'mod unilaterali restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' mediċini jew ta' tagħmir protettiv, jew ħadu passi sabiex jiffavorixxu lill-produtturi domestiċi jew lill-fornituri ta' servizzi f'setturi bħall-

---

[89] Id-Direttiva 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn.

[90] Il-Qafas Temporanju għall-għajnuna mill-Istat fil-kuntest tat-tifqigħa tal-coronavirus u l-Qafas Temporanju għall-Kriżijiet fil-kuntest tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna.

ikel u l-ivvjaġġar. Il-Kummissjoni baqgħet viġilanti fid-dawl ta' dawn it-theddidiet għas-suq uniku u ħafna miżuri ta' protezzjoniżmu stabbiliti mill-Istati Membri fl-ewwel xhur tal-pandemija tħassru relattivament malajr. Il-Kummissjoni ħadet ukoll azzjoni ta' ksur kontra miżuri nazzjonali ta' protezzjoniżmu wara l-invażjoni tal-Ukrajna, bħall-projbizzjonijiet fuq l-esportazzjoni f'diversi setturi ekonomiċi, pereżempju fuq iċ-ċereali u fuq il-materjali tal-kostruzzjoni, jew l-applikazzjoni ta' pprezzar diskriminatorju tal-fjuwil kontra vetturi bi pjanċi ta' reġistrazzjoni barranin.

Wara l-invażjoni Russa tal-Ukrajna, il-Kummissjoni adottat miżuri sabiex tiffaċilita t-trasport, it-tranżitu, u l-iskambji mal-Ukrajna, inkluż "pjan ta' azzjoni għall-Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna sabiex jiġu ffaċilitati l-esportazzjonijiet agrikoli tal-Ukrajna u l-kummerċ bilaterali mal-UE"[91], u b'hekk jittaffa l-effett ta' din il-kriżi fuq it-trasport tal-merkanzija. Il-Kummissjoni ssospendiet id-dazji tal-importazzjoni għal sena fuq l-esportazzjonijiet kollha mill-Ukrajna lejn l-Unjoni Ewropea. Ħadet ukoll passi sabiex issaħħaħ l-implimentazzjoni u l-infurzar tas-sanzjonijiet kontra l-persuni u l-entitajiet Russi u Belarussi mdaħħlin fil-listi. Il-Kummissjoni ħarġet numru ta' dokumenti ta' gwida dwar l-interpretazzjoni tas-sanzjonijiet, li jipprovdu lill-Istati Membri bi kjarifiki għal mistoqsijiet ġodda u appoġġ kontinwu sabiex jiġi żgurat infurzar korrett.

Il-Kummissjoni attivat għodod ta' emerġenza skont id-dritt tal-UE sabiex ittaffi l-impatt tal-kriżi tal-enerġija. Fuq proposta tal-Kummissjoni, il-koleġiżlaturi adottaw regoli sabiex jiżguraw il-mili tal-ħażniet tal-gass[92] b'tali mod li jkun hemm biżżejjed gass disponibbli matul l-istaġun tax-xitwa tal-2022, li għandu impatt dirett fuq in-nies u fuq in-negozji. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll malajr regoli ġodda dwar miżuri kkoordinati għat-tnaqqis tad-domanda għall-gass[93], u dwar intervent ta' emerġenza sabiex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija[94]. Dawn l-interventi ta' emerġenza jirrappreżentaw pass ieħor fil-ħidma tal-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-qafas legali tal-UE jipprovdi rispons robust u effiċjenti għal sitwazzjonijiet ta' kriżi.

Il-Kummissjoni qiegħda tieħu wkoll it-tagħlimiet u qiegħda tħares lejn kif ir-regoli tal-UE jeħtieġ li jkollhom mekkaniżmi ta' flessibbiltà u ta' koordinazzjoni inkorporati, sabiex jekk tfaqqa' kriżi, tkun tista' tittieħed azzjoni f'qafas legali predeterminat. Fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba b'riżultat tal-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni adottat pjan ta' kontinġenza għat-trasport[95], li jipprovdi sett ta' għodod sabiex jiġi indirizzat kwalunkwe tip ta' kriżi tat-trasport u b'mod partikolari jiżgura li l-leġiżlazzjoni tal-UE tiġi emendata u infurzata sabiex twieġeb b'mod xieraq għal tali avvenimenti jekk u meta jseħħu. Bl-istess

---

91 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Pjan ta' azzjoni għall-Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna sabiex jiġu ffaċilitati l-esportazzjonijiet agrikoli tal-Ukrajna u l-kummerċ bilaterali mal-UE", COM(2022) 217 final.

92 Ir-Regolament (UE) 2022/1032 tad-29 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1938 u (KE) Nru 715/2009 fir-rigward tal-ħżin tal-gass.

93 Ir-Regolament (UE) 2022/1369 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass (fuq il-bażi tal-Artikolu 122 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea).

94 Il-Proposta għal Regolament dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija, COM(2022) 473 final.

95 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Pjan ta' kontinġenza għat-trasport", COM(2022) 211 final.

mod, fil-proposta tagħha ta' Diċembru 2021 sabiex jiġi emendat il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen[96], il-Kummissjoni introduċiet mekkaniżmu ta' koordinazzjoni sabiex tindirizza t-theddid għas-saħħa fil-fruntieri esterni u mekkaniżmu ta' salvagwardja ta' Schengen ġdid sabiex tipprovdi rispons komuni fil-fruntieri interni f'sitwazzjonijiet ta' theddid li jaffettwa lill-Istati Membri. Fl-isfond tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa, il-Kummissjoni ħolqot ukoll l-Awtorità għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA), sabiex tagħti spinta lill-kapaċità tal-Ewropa sabiex tipprevjeni u twieġeb malajr għal emerġenzi transfruntiera tas-saħħa, u sabiex issaħħaħ l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' emerġenza. Barra minn hekk, l-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza[97] se jippermetti reazzjonijiet rapidi f'sitwazzjonijiet ta' kriżi sabiex tinżamm iċ-ċirkolazzjoni tal-oġġetti u tal-persuni, u sabiex jiġi ssalvagwardjat l-aċċess għal provvisti u għal servizzi vitali.

### *Użu tas-sett ta' għodod ta' infurzar varjat fi kriżi*

Il-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat tfixkil serju għall-industrija tal-ivvjaġġar u diversi Stati Membri ħassew il-ħtieġa li jwieġbu. Il-miżuri nazzjonali li wasslu biex in-nies li l-vaganzi tagħhom ġew ikkanċellati rċevew biss vawċers tal-ivvjaġġar jew rimborżi posposti fit-tul ma kinux konformi mad-drittijiet tal-vjaġġaturi għar-rimborż skont id-dritt tal-UE. Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni pprovdiet gwida bikrija dwar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar **id-drittijiet tal-passiġġieri**[98] u ħarġet Rakkomandazzjoni dwar il-vawċers offruti bħala alternattiva għar-rimborż għall-ivvjaġġar kkanċellat, filwaqt li enfasizzat ukoll kif l-Istati Membri jistgħu jappoġġaw il-likwidità finanzjarja tal-operaturi tat-trasport[99]. Ħadmet ukoll mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumaturi[100] dwar djalogi mal-linji tal-ajru. B'riżultat ta' dan, fl-2022, 16-il linja tal-ajru Ewropea ewlenija qablu fuq rispons li kien jinkludi r-rimborż ta' aktar minn 500 000 voucher tat-titjiriet li kienu ġew imposti fuq konsumaturi li t-titjiriet tagħhom kienu ġew ikkanċellati matul il-pandemija. Il-Kummissjoni nediet ukoll proċedimenti ta' ksur kontra l-Istati Membri li kienu ppromulgaw regoli li jiksru r-Regolament tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Passiġġieri[101] jew id-Direttiva dwar il-Pakketti tal-Ivvjaġġar[102]. Il-maġġoranza l-kbira tagħhom malajr ġabu l-prattika tagħhom f'konformità mad-dritt tal-UE u kawża waħda biss kellha bżonn tiġi ppreżentata quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

---

[96] Il-Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera, COM(2021) 891 final.

[97] Il-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi Strument għas-Suq Uniku f'Emerġenza u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98, COM(2022) 459 final.

[98] Il-Linji Gwida Interpretattivi rigward ir-regolamenti tal-UE dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fil-kuntest tas-sitwazzjoni li qed tiżviluppa b'rabta mal-COVID-19 2020/C 89 I/01.

[99] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/648 tat-13 ta' Mejju 2020 dwar vouchers offruti lill-passiġġieri u lill-vjaġġaturi bħala alternattiva għar-rimborż ta' pakketti tal-ivvjaġġar u servizzi tat-trasport ikkanċellati fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19.

[100] https://ec.europa.eu/info/live-work-travel-eu/consumer-rights-and-complaints/enforcement-consumer-protection/consumer-protection-cooperation-network_mt

[101] Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet.

[102] Id-Direttiva (UE) 2015/2302 tal-25 ta' Novembru 2015 dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta.

## VIII. KONKLUŻJONI

L-infurzar tad-dritt tal-UE huwa u se jibqa' waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni. Din il-Komunikazzjoni stabbiliet il-firxa wiesgħa u diversa ta' miżuri meħudin mill-Kummissjoni sabiex tinforza d-dritt tal-UE, dejjem f'konformità mal-objettiv aħħari tagħna: li nixprunaw bidla pożittiva u niżguraw li n-nies u n-negozji jgawdu l-benefiċċji sħaħ tad-dritt tal-UE. Jista' jkun hemm ħafna raġunijiet li jikkawżaw nuqqas ta' implimentazzjoni jew implimentazzjoni skorretta, u l-Kummissjoni żviluppat sett ta' għodod varjat sabiex twieġeb.

Approċċ komprensiv, intelliġenti u strateġiku għall-infurzar ġab benefiċċji diretti – minn arja aktar nadifa, standards ogħla tal-kwalità tal-ilma, trasport aktar sikur, u protezzjoni aħjar tal-konsumatur, saż-żamma tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali tal-UE. F'dawn il-każijiet kollha, il-ħidma mal-Istati Membri hija kruċjali: l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE huma r-riżultat ta' sforz kombinat, u l-konformità hija dipendenti fuq l-Istati Membri li jieħdu l-passi neċessarji sabiex jevitaw u jikkoreġu minnufih kwalunkwe ksur, anki permezz ta' sistema tal-ġustizzja nazzjonali effettiva bi qrati indipendenti.

L-infurzar tad-dritt tal-UE ma huwiex avveniment ta' darba iżda jeħtieġ sforz kostanti u sostnut mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti u effettiva tar-regoli tal-UE u sabiex jiġu evitati problemi potenzjali. L-ambjent internazzjonali mgħaġġel tagħna, il-kriżijiet mhux mistennijin u l-isfidi l-ġodda ta' infurzar jeħtieġu li l-Kummissjoni tivvaluta kontinwament modi kif tkompli ttejjeb l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tar-regoli maqbulin b'mod komuni tagħna. Bħalissa għaddej eżerċizzju biex jingħabar rendikont fil-Kummissjoni u mal-Istati Membri sabiex jiġi żgurat li l-għodod tal-infurzar it-tajbin ikunu disponibbli sabiex id-dritt tal-UE jaħdem fil-prattika[103]. B'mod partikolari, dan l-eżerċizzju jevalwa jekk il-mod kurrenti ta' ġestjoni tal-ilmenti, tal-proċessi tal-EU Pilot u tal-ksur għadhomx adattati għall-iskop tagħhom. Bħala parti minn din l-analiżi, diġà qiegħed jiġi kkunsidrat titjib varju fl-attivitajiet ta' infurzar.

Maż-żmien, in-numru ta' direttivi ġodda naqas, filwaqt li qiegħed isir użu dejjem akbar **mir-regolamenti** bħala għodda leġiżlattiva. Il-Kummissjoni għandha sistema stabbilita sew ta' monitoraġġ u ta' infurzar tat-traspożizzjoni rapida u korretta tad-direttivi. L-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regolamenti huma daqstant importanti – u għalkemm ir-regolamenti għandhom effett dirett, dan spiss jiddependi fuq il-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali. Xi regolamenti jeħtieġu bidliet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, u ħafna jagħtu lill-aġenziji jew lir-regolaturi nazzjonali r-responsabbiltajiet essenzjali sabiex jimplimentaw il-leġiżlazzjoni fil-prattika. Għalhekk, il-Kummissjoni se żżid l-isforzi tagħha sabiex timmonitorja u tinforza l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tar-regolamenti b'mod aktar sistematiku u strateġiku.

---

[103] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Regolazzjoni aħjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar", COM(2021)219.







Il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lit-**trasparenza**. Tgħin lill-pubbliku usa' jinvolvi ruħu fir-responsabbiltà kondiviża tal-infurzar u tippromwovi konformità aktar rapida mill-Istati Membri. Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni żiedet gradwalment l-informazzjoni li saret pubblika dwar l-attivitajiet ta' infurzar tagħha. Rapport annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE[104] jistabbilixxi x-xejriet ewlenin, jagħti d-dettalji dwar il-kooperazzjoni mal-Istati Membri u jispjega d-deċiżjonijiet ta' ksur ewlenin. Reġistru pubbliku dwar każijiet ta' ksur[105] jipprovdi informazzjoni aġġornata dwar l-aħħar pass li jkun sar f'kull każ. Il-Kummissjoni tippubblika l-istqarrijiet għall-istampa dwar id-deċiżjonijiet ta' ksur kollha meħudin, b'informazzjoni addizzjonali dwar l-aktar deċiżjonijiet importanti. Madankollu, is-soċjetà pubblika u ċivili identifikat numru ta' oqsma b'potenzjal għal aktar trasparenza, bħall-proċess ta' qabel il-ksur (EU pilot), ħarsiet ġenerali lejn il-każijiet u statistiki aġġornati dwar l-azzjoni ta' infurzar tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni se tkompli ttejjeb u żżid l-informazzjoni magħmula disponibbli għall-pubbliku, b'mod sistematiku u faċilment aċċessibbli. L-eżerċizzju biex jingħabar rendikont se jħares b'mod aktar preċiż lejn liema informazzjoni addizzjonali għandha ssir pubblika u b'liema mezzi, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.

104 https://ec.europa.eu/info/publications/annual-reports-monitoring-application-eu-law_mt
105 https://ec.europa.eu/atwork/applying-eu-law/infringements-proceedings/infringement_decisions/?lang_%20code=mt

Fl-aħħar nett, l-eżerċizzju biex jingħabar rendikont se jħares ukoll lejn modi kif tittejjeb **il-kooperazzjoni** bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fir-rigward tat-traspożizzjoni rapida u korretta tad-direttivi.

Il-Kummissjoni se tirrapporta dwar l-eżitu tal-eżerċizzju biex jingħabar rendikont matul l-2023.